Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0321(CNS)

17.6.2025

EMENDI
89 - 449

Abbozz ta' rapport
Evelyn Regner
(PE773.162v01-00)

In-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT)

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0532 – C9-0341/2023 – 2023/0321(CNS))

Emenda 89
Christophe Gomart

Proposta għal direttiva
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidra r-Rapport annwali tal-2024 dwar it-tassazzjoni fl-Unjoni, tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikat f'Ġunju 2024,

Or. fr

Emenda 90
Christophe Gomart

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma' sistema tat-taxxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru li joperaw fih.	(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma' sistema tat-taxxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru li joperaw fih. ***Konsegwentament, fl-2023, skont ir-rapport annwali tal-2024 dwar it-tassazzjoni, ir-rati statutorji tat-taxxa korporattiva kienu jvarjaw bejn l-Istati Membri minn 10 % sa 31,5 % (u bejn 9 % u 29 % meta jitqiesu l-iskemi ta' għajnuna fiskali stabbiliti mill-gvernijiet).***

Or. fr

Emenda 91
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma' sistema tat-taxxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru li joperaw fih.	(1) ***Minkejja l-proposti kollha elenkati fil-premessi 1a, 1b u 1c,*** fl-Unjoni bħalissa ma hemm l-ebda approċċ komuni għall-komputazzjoni tal-bażi taxxabbli għan-negozji. Għalhekk, in-negozji tal-Unjoni huma obbligati jikkonformaw ma' sistema tat-taxxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru li joperaw fih.

Or. en

Emenda 92
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-1975, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta biex iċċekken kemm jista' jkun id-differenzi bejn ir-rati tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri. Fl-ambitu tal-proposta[1a], l-Istati Membru setgħu xorta waħda jagħżlu r-rata tat-taxxa korporattiva tagħhom stess, iżda din ir-rata ma setgħetx "tkun anqas minn 45 % jew ogħla minn 55 %". Minħabba nuqqas ta' appoġġ mill-Istati Membri, il-proposta ġiet irtirata.

[1a] COM(75)0392.

Or. en

Emenda 93
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Fl-2011, il-Kummissjoni għamlet proposta[1b] għal bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva, magħrufa aħjar bl-akronimu BKKTK. Wara erba' snin ta' diskussjonijiet tekniċi, in-negozjati tilfu l-momentum fil-Kunsill u l-proposta ġiet irtirata.
	[1b] COM(2011)0121 final.

Or. en

Emenda 94
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ressqet BKKTK[1c]"varata mill-ġdid" mibdula. Bażi komuni għat-taxxa korporattiva Ewropea sservi bħala ġabra tar-regoli unika dwar kif il-kumpaniji jenħtieġ li jikkalkulaw il-profitt ġenerali tagħhom fl-UE. Wara li tikkalkula bażi komuni għat-taxxa, kumpanija attiva f'aktar minn Stat Membru wieħed tista' tgħodd il-profitti u t-telf kollha tal-entitajiet tagħha fl-Istati Membri differenti, biex tikkalkula l-profitt jew it-telf nett għall-UE kollha (konsolidazzjoni). Il-profitti taxxabbli tal-kumpanija mbagħad jiġu allokati bejn l-entitajiet rispettivi tal-kumpanija, bl-użu ta' formula tat-tqassim (tqassim skont formula speċifika) li biha l-profitti jiġu kondiviżi skont tliet fatturi ta' ponderazzjoni ugwali (xogħol, assi tanġibbli u bejgħ). Kull Stat Membru mbagħad jintaxxa l-ishma allokati tal-profitti tal-kumpanija bir-rata tat-taxxa

korporattiva nazzjonali tiegħu stess. Il-proposta tal-BKKTK tal-2016 eventwalment sabet l-istess destin bħall-predeċessur tagħha tal-2011. Il-Kunsill ma kienx kapaċi jilħaq appoġġ unanimu u minkejja l-fatt li l-Kunsill għall-bidu kien waqqaf in-negozjati biex jagħti lok għar-riforma tar-regoli tat-taxxa korporattiva tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)/tal-Qafas Inklużiv (ara l-paragrafu li jmiss), il-proposta tal-BKKTK tal-2016 ġiet irtirata f'Settembru 2023.

---

*[1c] **COM(2016)0683 final.***

Or. en

Emenda 95
Guillaume Peltier
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***L-eżistenza ta' 27 sistema*** tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti ***fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***. ***Dan sar aktar evidenti hekk kif*** il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju***. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw*** jadattaw għal ***dik*** ir-realtà l-ġdida***, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern***. ***Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn***	(2) ***Fl-Unjoni, sistemi*** tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu ***hemm 27 waħda*** differenti. Il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju ***u l-gvernijiet qed jippruvaw*** jadattaw għal ***din*** ir-realtà l-ġdida.

inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.

Or. en

Emenda 96
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***jwasslu għal kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa ***u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati ***minn nuqqas*** ta' prevedibbiltà u ***minn inkonsistenza*** flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità***.***	(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***tikkawża l-kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati ***min-nuqqas*** ta' prevedibbiltà u ***mill-inkonsistenza*** flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità***, u dan iservi ta' diżinċentiv għall-investimenti transfruntiera;***

Or. en

Emenda 97
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa	(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa

korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***jwasslu għal kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***jwasslu*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.

korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***tikkawża l-kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***twassal*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***, u taġevola l-pjanifikazzjoni fiskali transfruntiera aggressiva, kif ukoll każijiet ta' taxxa doppja u ta' nontassazzjoni doppja***. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità. ***Peress li din il-kumplessità tista' xxekkel l-espansjoni tan-negozji fis-suq uniku, b'aktar impatti negattivi fuq l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi, il-kumpaniji jeħtieġ li jkollhom qafas tat-taxxa uniku li jkun jista' jitħaddem biex jiżviluppaw l-attività kummerċjali tagħhom madwar is-suq uniku.***

Or. en

Emenda 98
Christophe Gomart

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***jwasslu għal kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa ***u jwasslu*** għal kompetizzjoni inġusta ***għan-negozji. Dan sar*** aktar evidenti ***hekk kif il-globalizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-	(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***tikkawża l-kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa***, twassal*** għal kompetizzjoni inġusta ***bejn in-negozji u tippromwovi l-ippjanar tat-taxxa transfruntier. Skont ir-Rapport Annwali***

ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.	***tal-2024 dwar it-Tassazzjoni fl-UE, it-telf fid-dħul minħabba t-trasferiment tal-profitti korporattivi kien stmat li ifforma 20 % tad-dħul kollu mit-taxxa korporattiva miġbur fl-2022 fl-UE, li jammonta għal madwar EUR 100 biljun f'valur nominali. Dan l-ippjanar sar jerġa'*** aktar evidenti ***bil-globalizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija ***li*** biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.
	Or. fr

Emenda 99
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki	(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki

differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.

differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità. ***Barra minn hekk, in-nuqqas ta' koordinazzjoni ddgħajjef iċ-ċertezza tat-taxxa, tiskoraġġixxi l-investiment transfruntier, u toħloq opportunitajiet għall-ppjanar aggressiv tat-taxxa. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ komuni mhux biss biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta u effettiva, iżda wkoll biex jissaħħu l-integrità u l-kompetittività tal-kumpaniji li jaġixxu fis-Suq Uniku.***

Or. en

Emenda 100
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma' kostijiet għoljin tal-konformità.	(2) L-eżistenza ta' 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni jwasslu għal kumplessità fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***. Tali kumplessità tista' taġixxi ta' ostaklu għall-espansjoni tan-negozji fis-suq intern, filwaqt li tfixkel l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi***. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b'mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta' negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta' prevedibbiltà u minn

inkonsistenza flimkien ma’ kostijiet għoljin tal-konformità.

Or. en

Emenda 101
Manon Aubry
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta’ 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***jwasslu għal kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***jwasslu*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b’mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta’ negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta’ prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma’ kostijiet għoljin tal-konformità.	(2) L-eżistenza ta’ 27 sistema tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu differenti fl-Unjoni ***tikkawża l-kumplessità*** fil-konformità mar-regoli tat-taxxa u ***twassal*** għal kompetizzjoni inġusta għan-negozji***, speċjalment peress li l-MNEs jistgħu jużaw is-sistema tat-taxxa differenti biex jinvolvu ruħhom f’ ippjanar aggressiv tat-taxxa, li jwassal biex l-SMEs ikollhom iħallsu ammont ogħla ta’ taxxa b’mod proporzjonat mal-profitti tagħhom***. Dan sar aktar evidenti hekk kif il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija biddlu b’mod sinifikanti l-perċezzjoni tal-fruntieri fuq l-art u l-mudelli ta’ negozju. Hekk kif il-gvernijiet ippruvaw jadattaw għal dik ir-realtà l-ġdida, rispons frammentat fost l-Istati Membri wassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq intern. Id-diversi oqfsa legali inevitabbilment iwasslu għal prattiki differenti tal-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istati Membri wkoll. Dan spiss jinvolvi proċeduri twal ikkaratterizzati minn nuqqas ta’ prevedibbiltà u minn inkonsistenza flimkien ma’ kostijiet għoljin tal-konformità. ***L-aktar importanti, dan iwassal għal prattiki ta’ evitar tat-taxxa min-naħa tal-MNEs.***

Or. en

Emenda 102
Guillaume Peltier
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. ***B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.***	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji.

Or. en

Emenda 103
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi

żgurata kompetizzjoni ġusta.

żgurata kompetizzjoni ġusta. ***Madankollu, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rata tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu jibqgħu fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għall-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u għall-gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 104
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. ***B'dan il-mod***, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa ***u*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. ***Bl-istess mod***, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa***, jitnaqqas il-piż amministrattiv,*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta ***u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-kumpaniji li joperaw b' mod transfruntier***.

Or. en

Emenda 105
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. ***B'dan il-mod***, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. ***Bl-istess mod, biex jiġi appoġġjat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, l-ambjent tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni għandu jissawwar f'konformità mal-prinċipju li l-kumpaniji jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fil-ġuriżdizzjoni(jiet) fejn jiġu ġġenerati l-profitti tagħhom. Għalhekk***, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.

Or. en

Emenda 106
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li	(3) Għalkemm huma differenti fit-tfassil tagħhom, il-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu huma simili billi jistabbilixxu regoli li għandhom l-għan li jilħqu l-istess objettiv, jiġifieri, li tinkiseb bażi taxxabbli għan-negozji. B'dan il-mod, ikun importanti għan-negozji li joperaw fis-suq intern li l-Istati Membri jintroduċu qafas legali komuni sabiex jiġu armonizzati l-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu bl-għan li

jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa ***u*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta.	jiġu ssimplifikati r-regoli tat-taxxa***,*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta ***u, l-aktar importanti, jiġi miġġieled l-evitar tat-taxxa***.

Or. en

Emenda 107
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-armonizzazzjoni m'għandhiex tinftiehem bħala l-unifikazzjoni tas-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri, peress li l-Istati Membri kollha għandhom jibqgħu jżommu l-kapaċità li jikkompetu fil-qasam tat-taxxa; għalhekk huwa importanti li tiġi stabbilita firxa ta' rati tat-taxxa li tippermetti lil kull Stat Membru jistabbilixxi r-rati tiegħu stess sabiex jagħti spinta lill-kompetittività u jattira l-investiment;

Or. en

Emenda 108
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-armonizzazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva permezz ta' sett komuni ta' regoli ttejjeb it-trasparenza, u b'hekk trawwem ambjent ta' kompetizzjoni tat-taxxa ġust u b'saħħtu fl-Unjoni, li huwa mirfud b'mod partikolari bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2022/2523 dwar livell minimu globali ta' tassazzjoni, u jikkontribwixxi għat-tisħiħ

tal-kompetittività ġenerali tal-Unjoni kif ukoll għall-impenn tal-Unjoni għal standards maqbula internazzjonalment.

Or. en

Emenda 109
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fid-9 ta' Ġunju 2023, 139 ġuriżdizzjoni, li huma membri tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, ***issieħbu*** fid-Dikjarazzjoni ta' Ottubru 2021 dwar "Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija"[3]. B'dik id-Dikjarazzjoni, l-Istati Membri qablu (i) fuq eżerċizzju ta' rieżami li ***jikkalkola*** l-obbligazzjoni minima potenzjali ***tat-taxxa*** ta' gruppi multinazzjonali kbar li tibda mill-kontabbiltà finanzjarja, bħala partijiet mit-Tieni Pilastru u (ii) li jirriallokaw parzjalment il-profitti taxxabbli fuq il-bażi ta' formula tat-tqassim bħala parti mill-Ewwel Pilastru. It-tfassil ta' qafas komuni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u mill-globalizzazzjoni jenħtieġ li jkun ispirat mill-kisbiet ta' dak l-eżerċizzju. Peress li l-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru ġiet adottata b'mod unanimu mill-Istati Membri permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523[4], jenħtieġ li qafas komuni tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni jibni fuq kunċetti, bħall-kamp ta' applikazzjoni u l-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa, li kemm in-negozji kif ukoll l-Istati Membri ***diġà huma familjari magħhom***.	(4) Fid-9 ta' Ġunju 2023, 139 ġuriżdizzjoni, li huma membri tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, ***kienu ssieħbu*** fid-Dikjarazzjoni ta' Ottubru 2021 dwar "Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija"[3]. B'dik id-Dikjarazzjoni, l-Istati Membri qablu (i) fuq eżerċizzju ta' rieżami li ***jikkalkula*** l-obbligazzjoni minima potenzjali ***ta' taxxa*** ta' gruppi multinazzjonali kbar li tibda mill-kontabbiltà finanzjarja, bħala partijiet mit-Tieni Pilastru u (ii) li jirriallokaw parzjalment il-profitti taxxabbli fuq il-bażi ta' formula tat-tqassim bħala parti mill-Ewwel Pilastru***. Madankollu, għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim finali għal din il-formula tat-tqassim, u dan jirrendi l-implimentazzjoni tagħha wisq inċerta***. It-tfassil ta' qafas komuni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u mill-globalizzazzjoni jenħtieġ li jkun ispirat mill-kisbiet ta' dak l-eżerċizzju. Peress li l-implimentazzjoni tat-Tieni Pilastru ġiet adottata b'mod unanimu mill-Istati Membri permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523[4], jenħtieġ li qafas komuni tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni jibni fuq kunċetti, bħall-kamp ta' applikazzjoni u l-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa, li ***magħhom huma diġà familjari*** kemm in-

negozji kif ukoll l-Istati Membri.

[3] Id-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija – it-8 ta' Ottubru 2021, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1.)

[3] Id-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija – it-8 ta' Ottubru 2021, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1.)

Or. en

Emenda 110
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Kwalunkwe soluzzjoni adottata fil-qasam tat-tassazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-approċċ b'żewġ pilastri, għandha tkun ibbażata fuq ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u b'hekk jissaħħaħ l-impenn tal-Unjoni għall-kooperazzjoni globali; f'dan il-kuntest, kwalunkwe regola ta' allokazzjoni użata għar-riallokazzjoni tal-profitti taxxabbli fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq standard maqbul globalment; minħabba li bħalissa ma jeżisti l-ebda standard bħal dan, jenħtieġ li ma ssirx formula ta' tqassim ibbażata fuq fatturi sakemm ma tkunx allinjata bis-sħiħ ma' standards adottati internazzjonalment.

Or. en

Emenda 111
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jiġu evitati l-piżijiet amministrattivi eċċessivi minn fuq il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali, jenħtieġ li din id-Direttiva timmira għall-koerenza mal-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'mod partikolari dawk segwiti mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, inklużi l-Ewwel Pilastru u t-Tieni Pilastru. Madankollu, fid-dawl tal-kuntest internazzjonali li qed jevolvi u l-possibbiltà li l-ġurisdizzjonijiet ewlenin jistgħu ma jimplimentawx l-Ewwel Pilastru, jenħtieġ li l-Unjoni tibqa' żżomm il-flessibbiltà li tiddetermina l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni tagħha stess fejn xieraq. L-evitar ta' regoli tat-taxxa konfliġġenti jew li jikkoinċidu bejn il-livell nazzjonali, dak tal-Unjoni u dak internazzjonali jibqa' essenzjali biex jitnaqqsu l-piżijiet tal-konformità u jiġi mmitigat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja jew multipla.

Or. en

Emenda 112
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw il-koerenza u l-allinjament ta' din id-Direttiva mar-Regoli Mudell tal-OECD/G20 u mad-Direttiva (UE) 2022/2523, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalkolu tar-rata

tat-taxxa effettiva fuq bażi ta' kull pajjiż għalih, li jista' jiġi imminat mill-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT previst f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik id-dimensjoni tiġi vvalutata fir-reviżjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 113
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***għan-negozji li*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***bejn il-fruntieri*** u wkoll sabiex ***iħeġġu lil*** dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***sabiex*** jagħmlu ***dan***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali ***huwa*** mistenni jirriżulta ***f'ċertezza*** tat-taxxa ***mtejba u f'anqas tilwimiet*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***d-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***in-numru*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***eċċessiva. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà*** tad-dħul mit-taxxa ***hija kruċjali*** għall-bażits tal-Istati Membri, ***inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu*** servizzi pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***biex in-negozji*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b' mod transfruntier*** u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***jiġu inkoraġġiti li*** jagħmlu ***hekk***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali mistenni jirriżulta ***f' ċertezza*** tat-taxxa ***msaħħa u inqas tilwim*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b' mod determinat id-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***l-għadd*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***ta' taxxa żejda. L-aktar importanti hu li l-armonizzazzjoni tar-regoli timplika anqas opportunitajiet għall-evitar tat-taxxa. B'allokazzjoni tal-bażi taxxabbli, li hija bbażata fuq fatturi tanġibbli bħax-xogħol, l-assi u l-bejgħ, il-qafas komuni tar-regoli tat-taxxa korporattiva se jimmitiga l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Minħabba l-importanza kritika*** tad-dħul mit-taxxa ***sostenibbli*** għall-bażits tal-Istati Membri, ***pereżempju għall-forniment ta'*** servizzi

pubbliċi***, speċjalment għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-profitti fl-Unjoni se twassal għal rati tat-taxxa effettivi ogħla u dħul akbar għall-Istati Membri. Barra minn hekk***, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.

Or. en

Emenda 114
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***għan-negozji li*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***bejn il-fruntieri*** u wkoll sabiex ***iħeġġu lil*** dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***sabiex*** jagħmlu ***dan***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali ***huwa*** mistenni jirriżulta ***f'ċertezza*** tat-taxxa ***mtejba u f'anqas*** tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***d-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***in-numru*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***eċċessiva. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà*** tad-dħul mit-taxxa ***hija kruċjali*** għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż ***sabiex jinvestu fl-infrastruttura***, fir-riċerka u fl-iżvilupp u ***sabiex jipprovdu servizzi*** pubbliċi, ***ikun kruċjali*** li jiġi żgurat ***għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda***	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***biex in-negozji*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b' mod transfruntier*** u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***jiġu inkoraġġiti li*** jagħmlu ***hekk***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali mistenni jirriżulta ***f' ċertezza*** tat-taxxa ***msaħħa u f' anqas*** tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b' mod determinat id-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***l-għadd*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***ta' nontassazzjoni doppja. L-armonizzazzjoni tar-regoli timplika wkoll anqas opportunitajiet biex jiġu abbużati xi dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi tat-taxxa f'kuntest pan-Ewropew. B'allokazzjoni tal-bażi taxxabbli, li hija bbażata fuq żewġ fatturi, il-qafas komuni***

bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.	***tar-regoli tat-taxxa korporattiva se jimmitiga l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Minħabba l-importanza kritika*** tad-dħul mit-taxxa ***sostenibbli*** għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż ***l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali, dik ekoloġika u dik soċjali***, fir-riċerka u fl-iżvilupp u ***għall-forniment tas-servizzi*** pubbliċi, ***speċjalment għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, huwa essenzjali*** li jiġi żgurat ***li l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-profitti fl-Unjoni ma twassalx għal rati tat-taxxa effettivi aktar baxxi u anqas dħul għall-Istati Membri***.
	Or. en

Emenda 115
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***għan-negozji li*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***bejn il-fruntieri*** u wkoll sabiex ***iħeġġu lil*** dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***sabiex*** jagħmlu ***dan***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali ***huwa*** mistenni jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa ***mtejba*** u f'anqas tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***d-distorsjonijiet*** u jnaqqas in-numru ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***eċċessiva***. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni***, u hekk jinħoloq ambjent aktar kompetittiv***. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***biex in-negozji*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b' mod transfruntier*** u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***jiġu inkoraġġiti li*** jagħmlu ***hekk u tiġi stimolata l-intraprenditorija fis-suq uniku, li bħalissa qed tiġi mminata mill-piż burokratiku u mill-pressjoni fiskali***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali mistenni jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa ***msaħħa*** u f'anqas tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b' mod determinat id-distorsjonijiet*** u jnaqqas in-numru ta'

servizzi pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.

każijiet ta' taxxa doppja u ***ta' taxxa żejda***. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu ***s-servizzi*** pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.

Or. en

Emenda 116
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***għan-negozji li*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***bejn il-fruntieri*** u wkoll sabiex ***iħeġġu lil*** dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***sabiex*** jagħmlu ***dan***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali ***huwa*** mistenni jirriżulta ***f'ċertezza*** tat-taxxa ***mtejba u f'anqas tilwimiet*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***d-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***in-numru*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***eċċessiva***. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu ***servizzi*** pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli ***biex in-negozji*** jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw ***b' mod transfruntier*** u wkoll sabiex dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż ***jiġu inkoraġġiti li*** jagħmlu ***hekk***. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali mistenni jirriżulta ***f' ċertezza*** tat-taxxa ***msaħħa u inqas tilwim*** dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza ***b' mod determinat id-distorsjonijiet*** u jnaqqas ***l-għadd*** ta' każijiet ta' taxxa doppja u ***ta' taxxa żejda***. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp***, peress li l-kumpaniji tal-UE nefqu madwar EUR 270 biljun inqas f' dan il-qasam mill-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Uniti tal-Amerka,*** u sabiex jipprovdu

abbużati.	***s-servizzi*** pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.
	Or. en

Emenda 117
Christophe Gomart

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli għan-negozji li jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw bejn il-fruntieri u wkoll sabiex iħeġġu lil dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż sabiex jagħmlu dan. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali huwa mistenni jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa mtejba u f'anqas tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza d-distorsjonijiet u jnaqqas in-numru ta' każijiet ta' taxxa doppja u eċċessiva. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu ***servizzi*** pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.	(5) Jenħtieġ li l-ambjent għan-negozju fis-suq intern isir aktar attraenti bl-għan li jiġu stimolati t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-promulgazzjoni ta' qafas komuni ta' regoli tat-taxxa korporattiva, sabiex ikun aktar faċli għan-negozji li jikkonformaw ma' tali regoli meta joperaw bejn il-fruntieri u wkoll sabiex iħeġġu lil dawk li jixtiequ jespandu aktar barra mill-pajjiż sabiex jagħmlu dan. Sett uniku ta' regoli tat-taxxa korporattiva għall-attività internazzjonali huwa mistenni jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa mtejba u f'anqas tilwimiet dwar it-taxxa, peress li jkun jindirizza d-distorsjonijiet u jnaqqas in-numru ta' każijiet ta' taxxa doppja u eċċessiva. Barra minn hekk, peress li s-sostenibbiltà tad-dħul mit-taxxa hija kruċjali għall-baġits tal-Istati Membri, inkluż sabiex jinvestu fl-infrastruttura, ***fis-sigurtà u fid-difiża,*** fir-riċerka u fl-iżvilupp u sabiex jipprovdu ***s-servizzi*** pubbliċi, ikun kruċjali li jiġi żgurat għall-futur li l-allokazzjoni tad-dħul titwettaq f'konformità ma' għodda bbażata fuq parametri solidi li ma jistgħux jiġu abbużati.
	Or. fr

Emenda 118
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza li jitrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività, huwa essenzjali li n-negozji jiġu mħeġġa jinvestu f'assi tanġibbli u intanġibbli ġodda u mtejba. Li jitħalla li jitnaqqas il-kost kollu ta' ċerti investimenti ta' nefqiet kapitali li jappoġġaw iż-żidiet fil-produttività, jippromwovi l-effiċjenza enerġetika, u jiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali. Dan l-approċċ jallinja mal-objettivi tal-Unjoni li timmodernizza l-ekonomija tagħha u taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u b'hekk il-qafas tal-BEFIT isir aktar favorevoli għat-tkabbir u validu għall-futur.

Or. en

Emenda 119
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Din id-Direttiva tista' tikkontribwixxi wkoll għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, kif deskritt fil-qosor fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 dwar il-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji. Riżorsa proprja bbażata fuq il-BEFIT tistabbilixxi rabta bejn il-bażi tal-UE u l-benefiċċji li l-kumpaniji jiksbu milli joperaw fis-suq uniku, u potenzjalment tipprovdi fluss ta' dħul stabbli u reżiljenti.

Or. en

Emenda 120
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-Pjan Direzzjonali għall-introduzzjoni ta' Riżorsi Proprji ġodda spjegat fil-Ftehim Interistituzzjonali jsemmi b'mod espliċitu wkoll riżorsa proprja ġdida marbuta mat-tassazzjoni korporattiva bħala parti minn basket ta' sorsi ġodda ta' dħul; F' dan ir-rigward, mingħajr l-introduzzjoni tal-qafas tal-BEFIT se jkun ikkumplikat li tiġi definita u adottata kwalunkwe riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-taxxa;

Or. en

Emenda 121
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. ***Dak il-mekkaniżmu*** permanenti ***jista' jkun ibbażat*** fuq formula tat-tqassim ***u*** jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ***ta' distakkament***. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.	(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. ***Tali qafas jenħtieġ li jkun sempliċi għan-negozji u jenħtieġ li jevita li jimponi kwalunkwe piż ġdid fuqhom.*** L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***tal-BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. ***Sena qabel it-tmiem tal-perjodu tranżitorju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami komprensiv bir-reqqa u valutazzjoni tal-impatt, speċjalment fir-rigward tal-interazzjoni ta' din id-Direttiva mad-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022, u tissuġġerixxi, jekk ikun meħtieġ, proposta leġiżlattiva ġdida li tista' tistabbilixxi mekkaniżmu*** permanenti ***bbażat*** fuq formula tat-tqassim ***determinat biex jibbenefika lill-Istati Membri kollha u li*** jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ***tad-distakkament***. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-

bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.

Or. en

Emenda 158
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. ***Dak il-mekkaniżmu*** permanenti ***jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti*** ta' rapportar pajjiż ***b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni*** miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. ***Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li*** l-implimentazzjoni ***tal-approċċ b'żewġ***	(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***tal-BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. ***It-tfassil tal-mekkaniżmu*** permanenti ***jenħtieġ li jiġi infurmat permezz tad-data*** ta' rapportar ***abbażi ta' kull*** pajjiż ***għalih u informazzjoni*** miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. ***Fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali dwar it-taxxa li qed jevolvu u*** l-implimentazzjoni ***inċerta tal-Ewwel Pilastru minn ġurisdizzjonijiet ewlenin, huwa essenzjali li l-Unjoni tippreserva l-flessibbiltà li tiżviluppa mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtonomu,***

pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. ***B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa***.

ġust u ekonomikament ibbilanċjat. Filwaqt li l-konverġenza mal-istandards internazzjonali tibqa' objettiv mixtieq, il-kompetittività tal-Unjoni, l-integrità tas-suq intern, u l-ħtieġa li tiġi żgurata n-newtralità tat-taxxa jridu jiggwidaw it-tfassil ta' kwalunkwe formula futura tal-allokazzjoni tal-BEFIT. ***Approċċ speċifiku għall-UE kkalibrat tajjeb, ibbażat fuq indikaturi ta' attività ekonomika reali u infurmat minn valutazzjoni tal-impatt robusta, jista' jservi bħala alternattiva kredibbli fin-nuqqas ta' kunsens globali***.

Or. en

Emenda 159
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Dak il-mekkaniżmu permanenti jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż	(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. ***Dan il-qafas jenħtieġ li jitfassal b'tali mod li jkun sempliċi u intuwittiv għan-negozji u jiġi evitat li jkun piż ġdid fuqhom.*** L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***tal-BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Dak il-mekkaniżmu permanenti jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-

b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.

BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.

Or. en

Emenda 160
Jaroslava Pokorná Jermanová, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Tomáš Kubín, Jana Nagyová, Enikő Győri, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie, Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Dak il-mekkaniżmu permanenti jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-	(12) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ewlieni li jinħoloq qafas simplifikat tat-taxxa korporattiva, jenħtieġ li r-riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp jiġu aggregati f'bażi komuni waħda għat-taxxa, sabiex sussegwentement din il-bażi tiġi allokata lill-membri tal-grupp eliġibbli. L-aġġustamenti tat-taxxa fir-rapporti finanzjarji jipproduċu riżultati tat-taxxa preliminari għal kull membru tal-grupp. Dawn ir-riżultati mbagħad jiġu aggregati, li jippermetti l-ħelsien minn taxxa għal telf transfruntier bejn il-membri tal-grupp ***tal-BEFIT***, u sussegwentement, il-bażi għat-taxxa aggregata tiġi allokata lill-membri tal-grupp fuq il-bażi ta' regola dwar l-allokazzjoni ta' tranżizzjoni; dan iwitti t-triq għal mekkaniżmu permanenti. Dak il-mekkaniżmu permanenti jista' jkun ibbażat fuq formula tat-tqassim u jrendi inutli l-

ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa.	ħtieġa li t-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ikunu konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament. Dan ikollu l-vantaġġ li juża data aktar reċenti ta' rapportar pajjiż b'pajjiż ("CBCR") u l-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jippermetti wkoll valutazzjoni aktar bir-reqqa tal-impatt li l-implimentazzjoni tal-approċċ b'żewġ pilastri hija mistennija jkollha fuq il-bażijiet għat-taxxa nazzjonali u fuq il-bażijiet għat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT. B'dan il-mod, xorta jsir possibbli li jintlaħaq l-objettiv ewlieni tan-newtralità tat-taxxa fis-suq intern, li jnaqqas każijiet ta' taxxa doppja u żejda u jtejjeb iċ-ċertezza tat-taxxa bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' tilwimiet dwar it-taxxa. ***Jenħtieġ li la l-qafas komuni stabbilit b' din id-Direttiva u lanqas kwalunkwe mekkaniżmu permanenti ta' allokazzjoni ma jintuża biex jinħolqu, direttament jew indirettament, riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-Unjoni. L-allokazzjoni tad-dħul fl-ambitu ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità fiskali tal-Istati Membri. Id-Direttiva mhijiex se tawtorizza lill-Unjoni tistabbilixxi, tiġbor jew tapproprja d-dħul mit-taxxa korporattiva bħala riżorsi proprji tal-Unjoni. Id-dħul kollu mit-taxxa korporattiva ġġenerat fl-ambitu ta' dan il-qafas jenħtieġ li jibqa' fil-kompetenza u s-sjieda tal-Istati Membri kkonċernati.***
	Or. en

Emenda 161
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-importanza tas-sempliċità tissuġġerixxi wkoll li jiġu minimizzati l-fatturi użati għat-tqassim. Abbażi ta' esperjenzi internazzjonali, bħall-Istati

Uniti u l-Kanada, il-formula tal-allokazzjoni tikkonsisti f'żewġ fatturi: l-impjieg u d-dħul minn partijiet terzi mhux relatat. L-assi tanġibbli u intanġibbli ġew esklużi minħabba li hemm varjazzjonijiet sinifikanti bejn in-negozji fil-ħtieġa tagħhom ta' assi fiżiċi. L-ekonomisti argumentaw li l-inklużjoni tal-assi fil-formula tiskoraġġixxi b'mod partikolari l-investiment kapitali fl-assi. It-tkabbir tas-servizzi u ż-żieda fl-importanza tax-xogħol tas-sengħa u intellettwali f'ħafna setturi wessgħu d-distakk bejniethom u bejn in-negozji li għadhom investiti ħafna fl-assi fiżiċi. F'ċerti setturi anke l-assi fiżiċi li jiswew il-flus huma mobbli, pereżempju t-trasport u l-kostruzzjoni, li jagħmluha diffiċli biex tali investimenti jintrabtu ma' postijiet ġeografiċi speċifiċi. Hemm ukoll diffikultajiet sinifikanti fil-valutazzjoni tal-assi fissi. Dawn il-kunsiderazzjonijiet, flimkien mal-ħtieġa tas-sempliċità, isostnu l-argument għal formula b'żewġ fatturi bbażata fuq l-impjegati u fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 162
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa konsolidata skont din id-Direttiva jenħtieġ li tirrifletti fejn il-valur ekonomiku jinħoloq b'mod effettiv fis-suq intern, wara valutazzjoni robusta tal-konsegwenzi distributtivi, amministrattivi u legali ta' tali mekkaniżmu. Dan ikun jippromwovi distribuzzjoni aktar bilanċjata u ekonomikament preċiża tal-bażi għat-taxxa konsolidata fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 163
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Fin-nuqqas tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva u, b'mod aktar wiesa' , fin-nuqqas ta' ftehim globali dwar l-implimentazzjoni tal-Ewwel Pilastru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 jew l-istabbiliment ta' mekkaniżmu permanenti ta' allokazzjoni fil-livell tal-Unjoni wara l-perjodu tranżitorju, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-possibbiltà li jimplimentaw miżuri nazzjonali proviżorji mmirati biex jiżguraw tassazzjoni ġusta u effettiva tal-intrapriżi multinazzjonali li joperaw fit-territorji tagħhom. Tali miżuri jenħtieġ li jibqgħu konsistenti mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji tas-suq intern.

Or. en

Emenda 164
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Matul fażi ta' "ttestjar" ta' tliet snin, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq riežami komprensiv tar-regola tal-allokazzjoni li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż tal-formula u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tqis il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva sabiex

temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu differenti għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 165
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi kif ukoll it-tbaħħir internazzjonali, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport bl-ajru. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest. Kwalunkwe ammont ta' profitt jew ta' telf ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tat-traffiku internazzjonali li ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ (u għalhekk ikun eskluż mir-riżultati preliminari tat-taxxa), ikollu jinżamm barra mill-aggregazzjoni filwaqt li jiġi kkomputat bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 166
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx	(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx

miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi ***kif ukoll it-tbaħħir internazzjonali, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport bl-ajru***. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest. ***Kwalunkwe ammont ta' profitt jew ta' telf ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tat-traffiku internazzjonali li ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ (u għalhekk ikun eskluż mir-riżultati preliminari tat-taxxa), ikollu jinżamm barra mill-aggregazzjoni filwaqt li jiġi kkomputat bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva.***	miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest.
	Or. en

Emenda 167
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi kif ukoll it-tbaħħir internazzjonali, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport bl-ajru. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest. Kwalunkwe ammont ta' profitt jew ta' telf ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tat-traffiku internazzjonali li ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ (u għalhekk ikun eskluż mir-riżultati preliminari tat-taxxa), ikollu jinżamm barra mill-aggregazzjoni filwaqt li jiġi kkomputat bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva.	(13) L-aggregazzjoni tar-riżultati tat-taxxa fost il-membri tal-grupp ma tkunx miżura xierqa għal ċerti setturi, bħall-attivitajiet estrattivi kif ukoll it-tbaħħir internazzjonali, it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport bl-ajru ***u s-servizzi finanzjarji***. Għalhekk, ikun importanti li dawk jiġu esklużi mill-aggregazzjoni peress li l-karatteristiċi tagħhom ma joqogħdux f'dan il-kuntest. Kwalunkwe ammont ta' profitt jew ta' telf ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tat-traffiku internazzjonali li ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ (u għalhekk ikun eskluż mir-riżultati preliminari tat-taxxa), ikollu jinżamm barra mill-aggregazzjoni filwaqt li jiġi kkomputat bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar it-taxxa korporattiva.
	Or. en

Emenda 168
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %.	***imħassar***

Or. en

Emenda 169
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment,*** l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat	(14) L-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-

tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %.

għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament ***tkun*** tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %. ***L-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni jenħtieġ li jiffokaw fuq inċentivi fiskali bbażati fuq l-input. L-Istati Membri jenħtieġ li joqogħdu lura milli joffru inċentivi fiskali bbażati fuq l-output bħal sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi u sistemi oħra ta' proprjetà intellettwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull Stat Membru jippubblika informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tan-nefqa tat-taxxa fuq id-dħul kif obbligat skont id-Direttiva (UE) 2011/84, l-Artikolu 14. Bħala minimu, jenħtieġ li kull nefqa tat-taxxa tkun assoċjata ma' objettiv ta' politika wieħed jew aktar, tiddikjara l-benefiċjarji fil-mira tagħha, u tagħmel stima ta' kemm mid-dħul ikun intilef. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri, fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, jintroduċu komponent kwalitattiv biex tiġi żgurata koerenza minima mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jwettqu evalwazzjonijiet tas-sostenibbiltà dwar l-aġġustamenti li japplikaw għas-sehem allokat tagħhom.***

Or. en

Emenda 170
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni	(14) Sabiex jipprovdu spazju għat-tkabbir u għall-investiment, l-Istati Membri jitħallew japplikaw ukoll aġġustamenti addizzjonali ta' wara l-allokazzjoni

individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 %.	individwalment (eż. trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni) f'oqsma mhux koperti mill-qafas komuni. L-Istati Membri jkunu liberi wkoll li jaġġustaw aktar is-sehem allokat tagħhom mingħajr limitu sabiex jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet ta' politika nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. L-aktar importanti, id-Direttiva (UE) 2022/2523 effettivament ***tkun*** tistabbilixxi limitu massimu li effettivament jiżgura li r-rata tat-taxxa effettiva tkun ta' mill-inqas 15 % ***kif stipulat fil-qafas tal-OECD***. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu xi firxiet legali biex ikunu jistgħu jikkompetu ma' xulxin fuq it-taxxa, u b'hekk jiġġeneraw effiċjenza tar-riżorsi, jistimulaw l-investiment u joħolqu l-impjiegi.***
	Or. en

Emenda 171
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex jixprunaw l-investimenti ħalli jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u jirrispondu għall-emerġenza klimatika, l-Istati Membri huma inċentivati biex jadottaw regoli ta' deprezzament aċċellerat immirati fil-livell nazzjonali. Dawn ir-regoli huma essenzjali għal tranżizzjoni ekoloġika rapida, peress li jallinjaw l-inċentivi ekonomiċi mal-għanijiet ambjentali filwaqt li jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjali u jtaffu l-faqar. Din tistimula t-tkabbir ekonomiku, toħloq l-impjiegi u trawwem l-innovazzjoni f'teknoloġiji sostenibbli. Billi tinkoraġġixxi l-investimenti ekoloġiċi, din iħaffef il-progress lejn enerġija nadifa, filwaqt li tirrestawra l-bijodiversità u l-provvisti tal-

ilma, u infrastruttura reżiljenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu mexxejja fis-sostenibbiltà li fl-aħħar mill-aħħar se żżid ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-suq intern. Fl-istess waqt, din id-Direttiva għandha l-għan li tiddiżinċentiva aktar investimenti f'assi fissi f'attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili u dawk l-assi fissi b'kontenut għoli ta' karbonju, kemm fil-produzzjoni tagħhom kif ukoll fl-użu tagħhom. Sabiex dawn l-inċentivi u d-diżinċentivi jsiru operattivi, il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tadotta atti ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 172
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Filwaqt li din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għad-determinazzjoni u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-gruppi ta' kumpaniji, hija ma taffettwax id-dritt sovran tal-Istati Membri li jiddeterminaw ir-rati tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu nazzjonali tagħhom u l-inċentivi tat-taxxa tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu għalkollox kompetenti biex japplikaw miżuri ta' ħelsien mit-taxxa, bħal inċentivi għall-attivitajiet ta' R&Ż, għall-porzjon tal-bażi għat-taxxa allokata lilhom. L-artikolazzjoni bejn ir-regoli komuni u l-inċentivi nazzjonali jenħtieġ li tiġi ppreżervata sabiex jibqa' jinżamm spazju politiku għall-appoġġ lill-innovazzjoni u prijoritajiet nazzjonali oħra.

Or. en

Emenda 173
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Xi Stati Membri joperaw sistemi tat-taxxa korporattiva li huma mibnijin fuq prinċipji li jvarjaw mill-aktar approċċ komuni, bħas-sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni. Għalhekk, huwa ta' importanza assoluta li jiġu stabbiliti l-aġġustamenti neċessarji, sabiex tiġi żgurata interazzjoni fattibbli ma' dawk is-sistemi. Is-soluzzjoni tista' tinstab f'ċerti aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni. Dawn ikunu jinvolvu li l-parti li tiġi allokata lil membru tal-grupp fil-qafas ta' sistema bbażata fuq id-distribuzzjoni jkollha tiġi mmodifikata fi proporzjon mad-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali. L-essenza ta' sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni tinżamm bis-sħiħ, meta jitqies li d-distribuzzjoni timmarka punt ta' żmien għat-tassazzjoni tal-parti allokata u, b'hekk, jiġi ddeterminat kemm minn din ikun jeħtieġ li jiġi intaxxat. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst li jitħaddem mekkaniżmu ta' riport, sabiex jiġi żgurat li l-parti allokata li ma tkunx intaxxata fis-sena kurrenti tkun taxxabbli fis-snin ta' wara.	(15) Xi Stati Membri joperaw sistemi tat-taxxa korporattiva li huma mibnijin fuq prinċipji li jvarjaw mill-aktar approċċ komuni, bħas-sistemi tat-taxxa bbażati fuq id-distribuzzjoni. Għalhekk, huwa ta' importanza assoluta li jiġu stabbiliti l-aġġustamenti neċessarji, sabiex tiġi żgurata interazzjoni fattibbli ma' dawk is-sistemi ***u mhux tiġi introdotta kontradizzjoni bejn iż-żewġ sistemi li tiskoraġġixxi l-ħolqien ta' negozji b' riżultat tal-piż burokratiku li dan joħloq***. Is-soluzzjoni tista' tinstab f'ċerti aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni. Dawn ikunu jinvolvu li l-parti li tiġi allokata lil membru tal-grupp fil-qafas ta' sistema bbażata fuq id-distribuzzjoni jkollha tiġi mmodifikata fi proporzjon mad-distribuzzjonijiet magħmulin matul is-sena fiskali. L-essenza ta' sistema tat-taxxa bbażata fuq id-distribuzzjoni tinżamm bis-sħiħ, meta jitqies li d-distribuzzjoni timmarka punt ta' żmien għat-tassazzjoni tal-parti allokata u, b'hekk, jiġi ddeterminat kemm minn din ikun jeħtieġ li jiġi intaxxat. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst li jitħaddem mekkaniżmu ta' riport, sabiex jiġi żgurat li l-parti allokata li ma tkunx intaxxata fis-sena kurrenti tkun taxxabbli fis-snin ta' wara.

Or. en

Emenda 174
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Peress li r-relazzjonijiet fi ħdan grupp jirrappreżentaw biss parti mill-attività kummerċjali ta' grupp ta' kumpaniji, it-tranżazzjonijiet bejn membri ta' grupp u intrapriżi assoċjati barra mill-grupp jikkostitwixxu aspett essenzjali ieħor li għandu jiġi analizzat. Sabiex jiġi indirizzat dan l-aspett estern u billi n-numru ta' tilwimiet dwar il-prezzar ta' trasferiment dan l-aħħar żdied b'mod konsiderevoli, speċjalment fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-prezzar għall-attivitajiet ta' rutina, ikun utli ħafna li jiġi previst approċċ simplifikat għall-konformità tal-prezzar ta' trasferiment li jnaqqas il-kostijiet ta' konformità għan-negozji u jtejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa fl-użu tal-kapital uman. Għal dan l-għan, ikun importanti li jiġi adottat qafas komuni ta' valutazzjoni tar-riskju għall-prezzar ta' trasferiment bbażat fuq analiżi tal-parametri referenzjarji aċċettata b'mod komuni. Din il-valutazzjoni tinvestiga l-marġnijiet tal-Qligħ Qabel l-Imgħax u t-Taxxa għall-entitajiet li joperaw b'mod indipendenti fis-suq intern. Imbagħad, jenħtieġ li l-markaturi tal-profitt miksubin b'dan il-mod jiġu ppubblikati sabiex jintużaw bħala għodda ta' awtovalutazzjoni tar-riskju, u jippermettu lill-gruppi li joperaw fis-suq intern ikunu jafu minn qabel ir-redditi distakkati (ibbażati fuq is-suq) li jkunu mistennijin jiksbu fi tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati. Jenħtieġ li kull tranżazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tiġi vvalutata bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli, skont kif din tipparaguna mal-markaturi tal-profitt, li jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni u ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 175
Guillaume Peltier
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Peress li r-relazzjonijiet fi ħdan grupp jirrappreżentaw biss parti mill-attività kummerċjali ta' grupp ta' kumpaniji, it-tranżazzjonijiet bejn membri ta' grupp u intrapriżi assoċjati barra mill-grupp jikkostitwixxu aspett essenzjali ieħor li għandu jiġi analizzat. Sabiex jiġi indirizzat dan l-aspett estern u billi n-numru ta' tilwimiet dwar il-prezzar ta' trasferiment dan l-aħħar żdied b'mod konsiderevoli, speċjalment fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-prezzar għall-attivitajiet ta' rutina, ikun utli ħafna li jiġi previst approċċ simplifikat għall-konformità tal-prezzar ta' trasferiment li jnaqqas il-kostijiet ta' konformità għan-negozji u jtejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa fl-użu tal-kapital uman. Għal dan l-għan, ikun importanti li jiġi adottat qafas komuni ta' valutazzjoni tar-riskju għall-prezzar ta' trasferiment bbażat fuq analiżi tal-parametri referenzjarji aċċettata b'mod komuni. Din il-valutazzjoni tinvestiga l-marġnijiet tal-Qligħ Qabel l-Imgħax u t-Taxxa għall-entitajiet li joperaw b'mod indipendenti fis-suq intern. Imbagħad, jenħtieġ li l-markaturi tal-profitt miksubin b'dan il-mod jiġu ppubblikati sabiex jintużaw bħala għodda ta' awtovalutazzjoni tar-riskju, u jippermettu lill-gruppi li joperaw fis-suq intern ikunu jafu minn qabel ir-redditi distakkati (ibbażati fuq is-suq) li jkunu mistennijin jiksbu fi tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati. Jenħtieġ li kull tranżazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tiġi vvalutata bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli, skont kif din tipparaguna mal-markaturi tal-profitt, li jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni u	***imħassar***

ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 176
Jaroslava Pokorná Jermanová, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Tomáš Kubín, Jana Nagyová, Enikő Győri, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie, Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet*** tat-taxxa lokali, l-awditi ***u s-soluzzjoni*** tat-tilwim ***ikollhom*** jibqgħu ***primarjament fil-livell*** tal-Istati Membri.	(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. ***Id-dikjarazzjonijiet*** tat-taxxa lokali, l-awditi***, is-soluzzjoni*** tat-tilwim***, l-infurzar tat-taxxa, u d-deċiżjonijiet kollha b'effetti legali fuq il-kontribwenti jenħtieġ li*** jibqgħu ***esklussivament fil-kompetenza*** tal-Istati Membri. ***It-Timijiet tal-BEFIT jenħtieġ li ma jingħataw l-ebda awtorità supranazzjonali, setgħa deċiżjonali, jew rwol vinkolanti fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 177
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.***	(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa.

Or. en

Emenda 178
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-	(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-

sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.	sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, ***il-possibbiltà li jikkompetu fuq it-taxxa,*** l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ikollhom jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 179
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ***ikollhom*** jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.	(17) Qafas komuni għat-tassazzjoni korporattiva bilfors li jkollu sistema amministrattiva, li idealment jenħtieġ li tipprovdi għal grad ta' ċertezza tat-taxxa u ta' simplifikazzjoni. Sabiex tiġi promossa l-uniformità, is-sistema amministrattiva jkollha tibni fuq l-importanza li jitħaddem punt ċentralizzat ta' referenza sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet komuni, bħal Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni għall-grupp sħiħ, u l-iżgurar ta' grad adegwat ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li s-sistema amministrattiva tirrispetta bis-sħiħ is-sovranità tat-taxxa nazzjonali billi d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa lokali, l-awditi u s-soluzzjoni tat-tilwim ***se*** jibqgħu primarjament fil-livell tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 180
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għad-determinazzjoni u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-gruppi ta' impriżi fl-Unjoni. Madankollu, ma tarmonizzax ir-regoli amministrattivi jew proċedurali tal-Istati Membri għat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu. Għaldaqstant, l-Istati Membri jibqgħu jżommu awtonomija sħiħa biex jorganizzaw il-proċessi nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni, il-ġbir, l-awditjar, l-infurzar u s-soluzzjoni tat-tilwim fil-qasam tat-taxxa, dment li dawn il-proċessi jibqgħu konsistenti mal-eżiti prodotti mill-qafas komuni stabbilit f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 181
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li ***penali bħal dawn ikunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi.	(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. ***Tali penali*** jenħtieġ li ***jkunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dawk il-penali jenħtieġ li jiġu stabbiliti b' rata minima ta' 0,5 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT kif xieraq.***

Or. en

Emenda 182

Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li penali bħal dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li penali bħal dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Dawk il-penali jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'rata minima ta' 0,1 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT kif xieraq u f'każ ta' rapportar ħażin intenzjonat ikkonfermat tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni.***

Or. en

Emenda 183
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li ***penali bħal dawn ikunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi.	(18) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-qafas komuni jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. ***Tali penali*** jenħtieġ li ***jkunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Kwalunkwe modifika tal-penali jenħtieġ li tiġi żvelata lill-gruppi korporattivi b' mod li jkun f' waqtu u xieraq.***

Or. en

Emenda 184
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Pilastru ewlieni għat-titjib tal-konformità mar-regoli tat-taxxa korporattiva huwa l-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' punt uniku ta' servizz li tippermetti lin-negozji jissodisfaw l-obbligi tat-taxxa tagħhom madwar l-Istati Membri permezz ta' interfaċċa unika u simplifikata, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġi żgurat infurzar konsistenti, u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali fis-suq intern.

Or. en

Emenda 185
Guillaume Peltier
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR 750 000 000 sakemm iħejju rapporti finanzjarji konsolidati u jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta' daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b'attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 186
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR ***750 000 000 sakemm iħejju rapporti*** finanzjarji konsolidati u jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta' daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b'attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni.	(19) Sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji li jkun hemm qafas legali komuni għall-komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa korporattiva fis-suq intern, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli tkun fakultattiva għall-gruppi, inklużi l-gruppi ta' SMEs, li jaqilgħu dħul annwali kombinat ta' anqas minn EUR ***40 000 000 dment li jħejju r-rapporti*** finanzjarji konsolidati u jkollhom preżenza taxxabbli fl-Unjoni. Billi l-applikazzjoni tar-regoli tinżamm miftuħa għal gruppi ta' daqs iżgħar, aktar gruppi bi strutturi u b'attivitajiet transfruntieri jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni li joffri l-qafas komuni.

Or. en

Emenda 187
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll l-istabbilimenti permanenti, li jinsabu fl-Istati Membri, ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), jistgħu jagħżlu li	7. L-Istati Membri ***jistgħu*** jiżguraw li l-kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll l-istabbilimenti permanenti, li jinsabu fl-Istati Membri, ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), jistgħu jagħżlu li jkunu koperti minn din

jkunu koperti minn din id-Direttiva jekk ikunu jappartjenu għal grupp MNE jew għal grupp domestiku li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), rigward il-livell limitu ta' EUR 750 000 000.	id-Direttiva jekk ikunu jappartjenu għal grupp MNE jew għal grupp domestiku li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), rigward il-livell limitu ta' EUR 750 000 000.

Or. en

Emenda 236
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll l-istabbilimenti permanenti, li jinsabu fl-Istati Membri, ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), jistgħu jagħżlu li jkunu koperti minn din id-Direttiva jekk ikunu jappartjenu għal grupp MNE jew għal grupp domestiku li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), rigward il-livell limitu ta' EUR 750 000 000.	7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji li huma residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), inklużi l-istabbilimenti permanenti tagħhom li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll l-istabbilimenti permanenti, li jinsabu fl-Istati Membri, ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), jistgħu jagħżlu li jkunu koperti minn din id-Direttiva jekk ikunu jappartjenu għal grupp MNE jew għal grupp domestiku li jħejji rapporti finanzjarji konsolidati iżda ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), rigward il-livell limitu ta' EUR 750 000 000 ***kif definit fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022***.

Or. en

Emenda 237
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 ***sabiex*** temenda l-Annessi I u II ***bl-għan li jittieħdu f'kunsiderazzjoni*** l-bidliet fil-liġijiet tal-Istati Membri ***fir-rigward tal-forom*** ta' kumpaniji u tat-taxxi korporattivi.	8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 74 ***biex*** temenda l-Annessi I u II ***strettament biex jiġu riflessi*** l-bidliet ***tekniċi*** fil-liġijiet tal-Istati Membri ***dwar il-forom*** ta' kumpaniji u tat-taxxi korporattivi***, mingħajr ma tespandi, tirrestrinġi, jew tinterpreta mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***. ***L-użu ta' atti delegati ma għandux jaffettwa l-kopertura sostantiva jew l-applikabbiltà tad-Direttiva.***

Or. en

Emenda 238
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif definit f'dan l-Artikolu għandu jkun strettament limitat għall-kriterji u l-entitajiet elenkati hawnhekk. Ma għandux ikun soġġett għal estensjoni, restrizzjoni, jew interpretazzjoni mill-ġdid permezz ta' atti delegati, atti ta' implimentazzjoni, linji gwida, jew strumenti sekondarji oħra. Kwalunkwe modifika għall-kamp ta' applikazzjoni teħtieġ emenda leġiżlattiva permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Or. en

Emenda 239
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw u japplikaw ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni, il-ġbir, l-infurzar u l-kontroll tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, dment li tali regoli ma jimminawx l-applikazzjoni uniformi tal-bażi komuni għat-taxxa u r-regoli tal-allokazzjoni, u jiġu applikati b'mod konsistenti mal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni previsti fil-Kapitolu V.

Or. en

Emenda 240
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk l-entità omm apikali ma tkunx tinsab fi Stat Membru, l-entità li tinsab fi Stat Membru, li tkun inħatret mill-grupp tal-BEFIT sabiex tissodisfa l-obbligi fir-rigward tar-ritorn ta' informazzjoni tal-grupp tal-BEFIT stabbiliti fl-Artikolu 57 f'isem il-grupp tal-BEFIT.	(b) jekk l-entità omm apikali ma tkunx tinsab fi Stat Membru, l-entità ***omm intermedjarja*** li tinsab fi Stat Membru, ***jew, fin-nuqqas ta' dan, l-entità li tinsab fi Stat Membru u*** li tkun inħatret mill-grupp tal-BEFIT sabiex tissodisfa l-obbligi fir-rigward tar-ritorn ta' informazzjoni tal-grupp tal-BEFIT stabbiliti fl-Artikolu 57 f'isem il-grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 241
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "sid ekonomiku" tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi ***l-benefiċċji kollha*** u ġġorr ***ir-riskji kollha*** marbutin ma' assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;	(15) "sid ekonomiku" tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi ***l-maġġoranza tal-benefiċċji*** u ġġorr ***il-maġġoranza tar-riskji*** marbutin ma' assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;

Or. en

Emenda 242
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "sid ekonomiku" tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi l-benefiċċji kollha u ġġorr ir-riskji kollha marbutin ma' assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;	(15) "sid ekonomiku" ***għandha t-tifsira attribwita lilha fi proposti preċedenti u b'mod speċifiku,*** tfisser il-persuna li sostanzjalment tirċievi l-benefiċċji kollha u ġġorr ir-riskji kollha marbutin ma' assi fiss, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx is-sid legali. Kontribwent li jkollu d-dritt li jippossjedi, juża u jiddisponi minn assi fiss u jġorr ir-riskju tat-telf jew tal-qerda tiegħu għandu fi kwalunkwe każ jitqies bħala s-sid ekonomiku;

Or. en

Emenda 243
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "allokazzjoni bażi" tfisser il-	(16) "allokazzjoni bażi" tfisser il-

metodu għall-kondiviżjoni tal-bażi għat-taxxa ***BEFIT*** fost il-membri tal-grupp ***BEFIT f'kull sena fiskali tal-perjodu ta' tranżizzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 45.

metodu għall-kondiviżjoni tal-bażi għat-taxxa ***tal-BEFIT*** fost il-membri tal-grupp ***tal-BEFIT*** f'konformità mal-Artikolu 45.

Or. en

Emenda 244
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jippermettu tnaqqis sħiħ u immedjat tan-nefqiet kapitali relatati ma' assi tanġibbli u intanġibbli ġodda jew imtejba mmirati lejn it-titjib tal-produttività, l-effiċjenza enerġetika, jew id-diġitalizzazzjoni.

Or. en

Emenda 245
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Preżenza ekonomika sinifikanti
	1. Għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, stabbiliment permanenti għandu jitqies li jeżisti jekk teżisti preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha negożju jeżerċita b'mod sħiħ jew parzjali l-attività tiegħu.
	***2. Il-paragrafu 1 għandu jiżdied ma' kwalunkwe kriterju ieħor, mingħajr ma jaffettwa jew jillimita l-applikazzjoni tiegħu, stabbilit fid-dritt tal-Unjoni jew liġi nazzjonali biex tiġi stabbilita l-**

eżistenza ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, kemm speċifikament fir-rigward tal-provvista ta' servizzi diġitali u kemm b'mod ieħor.

3. Preżenza ekonomika sinifikanti għandha titqies li teżisti fi Stat Membru f'perjodu tat-taxxa jekk id-dħul totali derivat minn grupp tal-BEFIT minn dak l-Istat Membru jaqbeż l-EUR 1 000 000 u/jew fl-Istat Membru fejn teżisti l-maġġoranza tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-Grupp, bħall-privattivi.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija dettaljata għar-regoli dwar il-provenjenza biex jiġi definit id-dħul. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami

Or. en

Emenda 246
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Preżenza ekonomika sinifikanti
	1. Għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, stabbiliment permanenti għandu jitqies li jeżisti jekk teżisti preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha negożju jeżerċita b'mod shih jew parzjali l-attività tiegħu.
	***2. Il-paragrafu 1 għandu jiżdied ma' kwalunkwe kriterju ieħor, mingħajr ma jaffettwa jew jillimita l-applikazzjoni tiegħu, stabbilit fid-dritt tal-Unjoni jew liġi nazzjonali biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa**

korporattiva, kemm speċifikament fir-rigward tal-provvista ta' servizzi diġitali u kemm b'mod ieħor.

3. "Preżenza ekonomika sinifikanti" għandha titqies li teżisti fi Stat Membru f'perjodu tat-taxxa jekk id-dħul totali miksub ikun ogħla minn EUR 1 000 000.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-metodoloġija dettaljata għall-provenjenza tad-dħul. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

Or. en

Emenda 247
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Preżenza ekonomika sinifikanti
	1. Għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, stabbiliment permanenti għandu jitqies li jeżisti jekk teżisti preżenza ekonomika sinifikanti li permezz tagħha negozju jeżerċita b'mod shih jew parzjali l-attività tiegħu.
	2. Il-paragrafu 1 għandu jiżdied ma' kwalunkwe kriterju ieħor, mingħajr ma jaffettwa jew jillimita l-applikazzjoni tiegħu, stabbilit fid-dritt tal-Unjoni jew liġi nazzjonali biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, kemm speċifikament fir-rigward tal-provvista ta' servizzi diġitali u kemm b'mod ieħor.
	3. Preżenza ekonomika sinifikanti

għandha titqies li teżisti fi Stat Membru f'perjodu tat-taxxa jekk id-dħul totali derivat minn grupp tal-BEFIT minn dak l-Istat Membru jaqbeż il-EUR 1 000 000.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodoloġija dettaljata għar-regoli dwar il-provenjenza biex jiġi definit id-dħul. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami

Or. en

Emenda 248
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;	(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***25*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;

Or. en

Emenda 249
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet	(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp***, il-kumpanija omm intermedjarja tal-grupp li tinsab fi Stat Membru*** jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali

tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;	jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;

Or. en

Emenda 250
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;	(a) il-kumpanija tkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe kumpanija oħra tal-grupp li fiha l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt;

Or. en

Emenda 251
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp ***jew*** kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.	(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp***,*** kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp ***jew l-entità omm intermedjarja tal-grupp li tinsab fi Stat Membru*** li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.

Or. en

Emenda 252
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***75*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.	(b) l-uffiċċju prinċipali tal-istabbiliment permanenti jkun jew l-entità omm apikali tal-grupp jew kwalunkwe membru ieħor (kumpanija jew entità) tal-grupp li fih l-entità omm apikali jkollha, direttament jew indirettament, tal-anqas ***50*** % tad-drittijiet tas-sjieda jew tad-drittijiet li jagħtu intitolament għall-profitt.

Or. en

Emenda 253
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kumpanija jew stabbiliment permanenti għandu jsir membru tal-grupp tal-BEFIT fid-data li fiha jintlaħqu l-livelli limitu msemmijin fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 254
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Rekwiżiti tal-perjodu ta' żamma	

1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jilħaq il-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1) mingħajr interruzzjoni, matul is-sena fiskali.

2. Kumpanija jew stabbiliment permanenti għandu jsir membru tal-grupp tal-BEFIT fid-data li fiha jintlaħqu l-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1). Il-livelli limitu għandhom jiġu ssodisfati għal tal-anqas 9 xhur konsekuttivi. Jekk kumpanija jew, kif applikabbli, stabbiliment permanenti jonqos milli jilħaq il-livelli limitu għall-perjodu meħtieġ, dan għandu jiġi ttrattat daqslikieku qatt ma kien membru tal-grupp tal-BEFIT.

3. Kumpanija jew stabbiliment permanenti ma jibqax membru tal-grupp tal-BEFIT fil-jum li jsegwi dak li fih ma jibqax jilħaq il-livelli limitu msemmijin fl-Artikolu 5(1).

Or. en

Emenda 255
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 1, membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jiddetermina r-riżultat preliminari tat-taxxa tiegħu bl-użu ta' standard kontabilistiku finanzjarju aċċettat fil-ġuriżdizzjoni tal-istabbiliment tiegħu, dment li l-istandard jiżgura stampa vera u ġusta u jkun soġġett għal mekkaniżmi adegwati ta' awditu u ta' sorveljanza. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji minimi ta' komparabbiltà u affidabbiltà għal tali standards biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 256
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru japplika ***liġi*** nazzjonali ***li tippermetti li l-gruppi jħejju, jawditjaw u jippubblikaw rapporti finanzjarji fuq bażi ġuriżdizzjonali***, ir-riżultat preliminari tat-taxxa u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu kkomputati wkoll fuq bażi ġuriżdizzjonali, dment li l-grupp ikun jista' jidentifika separatament, għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, id-data neċessarja għall-kalkolu ta' tali riżultat preliminari tat-taxxa u tal-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva.	4. B'deroga mill-paragrafu 1, meta Stat Membru japplika ***reġim*** nazzjonali ***ta' konsolidazzjoni tat-taxxa***, ir-riżultat preliminari tat-taxxa u l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet tat-taxxa f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu kkomputati wkoll fuq bażi ġuriżdizzjonali, dment li l-grupp ikun jista' jidentifika separatament, għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, id-data neċessarja għall-kalkolu ta' tali riżultat preliminari tat-taxxa u tal-aġġustamenti ta' wara l-allokazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 257
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta ma jkunx raġonevolment possibbli li jiġi ddeterminat l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' entità kostitwenti fuq il-bażi tal-istandard kontabilistiku finanzjarju aċċettabbli jew l-istandard kontabilistiku finanzjarju awtorizzat użat fit-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-entità omm apikali, l-introjtu jew it-telf nett tal-

	kontabilità finanzjarja tal-entità kostitwenti għas-sena fiskali jista' jiġi ddeterminat bl-użu ta' standard kontabilistiku finanzjarju aċċettabbli ieħor jew standard kontabilistiku finanzjarju awtorizzat f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2, tad-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022, meta applikabbli;

Or. en

Emenda 258
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
8 Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti	

magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 259
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-	Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-

kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot***, u d-dividendi jew distribuzzjonijiet oħra jkunu ġew soġġetti għal rata tat-taxxa effettiva ta' mhux anqas minn 9 %***.

Or. en

Emenda 260
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi ***95*** % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi ***100*** % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 261
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***10*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' dividendi jew ta' distribuzzjonijiet oħrajn riċevuti jew dovuti matul is-sena fiskali, dment li fid-data tad-distribuzzjoni, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***15*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 262
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' gwadann jew ta' telf li jirriżulta mid-disponiment ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju	***imħassar***

jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn 10 % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 263
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' gwadann jew ta' telf li jirriżulta mid-disponiment ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***10*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi 95 % tal-ammont ta' gwadann jew ta' telf li jirriżulta mid-disponiment ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp tal-BEFIT għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***15*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 264
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi l-ammont ta' qligħ jew ta' telf li jirriżulta minn bidliet fil-valur ġust ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp ***BEFIT*** għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***10*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.	Bl-eċċezzjoni tal-assi finanzjarji miżmumin għan-negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1), u tal-investimenti magħmulin għall-benefiċċju ta' detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja li jġorru r-riskju tal-investiment fil-kuntest ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex jeskludi l-ammont ta' qligħ jew ta' telf li jirriżulta minn bidliet fil-valur ġust ta' interess proprjetarju, dment li fid-data tad-disponiment, l-interess proprjetarju jinżamm mill-membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għal aktar minn sena u dan l-interess iġorr id-dritt għal aktar minn ***15*** % tal-profitti, tal-kapital, tar-riżervi jew tad-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 265
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Assi finanzjarji miżmumin għan-negozju	
1. Assi jew obbligazzjoni finanzjarja għandha tiġi ttrattata bħala miżmuma għan-negozju minn membru tal-grupp BEFIT meta tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	
(a) tiġi akkwistata jew tiġġarrab primarjament biex tinbiegħ jew tinxtara mill-ġdid fit-terminu qasir;	
(b) tkun parti minn portafoll ta' strumenti finanzjarji identifikati, inklużi derivattivi,	

li jkunu ġestiti flimkien u li għalihom ikun hemm evidenza ta' mudell attwali riċenti ta' teħid tal-profitti fuq terminu qasir.

2.

Meta assi jew obbligazzjoni finanzjarja li tinżamm minn membru tal-grupp tal-BEFIT tagħmel tranżizzjoni sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju jew viċi versa, l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi kwalunkwe differenza bejn il-valur ġust ikkalkolat fil-bidu tas-sena fiskali jew fid-data tax-xiri jekk aktar tard, u l-valur ġust tagħha kkalkolat fi tmiem l-istess sena fiskali.

Il-valur ġust ta' assi jew ta' obbligazzjoni finanzjarja fi tmiem is-sena fiskali li matulha tagħmel it-tranżizzjoni sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju jew viċi versa għandu jkun ukoll il-valur ġust tagħha fil-bidu tas-sena fiskali wara t-tranżizzjoni.

3. Il-perjodu ta' żamma msemmi fl-Artikolu 9 għandu jibda jew jiġi interrott meta l-assi jew l-obbligazzjoni finanzjarja ma tibqax miżmuma għan-negozju jew tiġi ttrasferita sabiex issir assi jew obbligazzjoni miżmuma għan-negozju rispettivament.

Or. en

Emenda 266
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Biex assi finanzjarju jitqies bħala miżmum biex jiġi nnegozjat, għandu jkun hemm evidenza soda li tista' tintwera. Jekk ma jkunx hemm din l-evidenza jew

	jekk ikun hemm dubji, l-assi finanzjarju ma għandux jitqies bħala miżmum għan-negozju.

Or. en

Emenda 267
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Telf kwalifikanti ta' stabbiliment permanenti għandu jiġi ttrattat bħala spiża tal-entità prinċipali għall-komputazzjoni tal-introjtu jew tat-telf kwalifikanti tagħha sal-punt li t-telf tal-istabbiliment permanenti jiġi ttrattat bħala spiża fil-komputazzjoni tal-introjtu taxxabbli domestiku ta' tali entità prinċipali u ma jiġix paċut ma' entrata tal-introjtu taxxabbli nazzjonali li huwa soġġett għat-taxxa skont il-liġijiet kemm tal-ġuriżdizzjoni tal-entità prinċipali kif ukoll tal-ġuriżdizzjoni tal-istabbiliment permanenti.

Or. en

Emenda 268
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, ***kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-***	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità ***mal-***

12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[11], li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità ***mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa***.

paragrafu 1a.

---

*[11] **Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)***

Or. en

Emenda 269
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[11], li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti ***fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa***.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[11], li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti ***fil-paragrafu 1a***.
[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-	[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-

suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)	suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)

Or. en

Emenda 270
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[11], li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu sabiex jinkludi l-ammont ta' kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern[11], ***u b'mod konformi mad-Direttiva (UE) 20XX/XX/UE dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva ,***li ma jkunx deduċibbli għal finijiet tat-taxxa f'konformità mar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stabbiliti fil-liġi nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa.
[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)	[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1)

Or. en

Emenda 271
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self" tfisser l-ammont li bih il-kostijiet deduċibbli tat-teħid b'self ta' kontribwent jaqbżu d-dħul mill-imgħax taxxabbli u dħul taxxabbli ieħor ekonomikament ekwivalenti li l-kontribwent jirċievi skont id-dritt nazzjonali. Il-kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu sa 75 % fil-perjodu tat-taxxa li fih jiġġarrbu. Jekk tali ammont ikun ogħla minn 20 % tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA), il-kontribwent għandu dritt li jnaqqas biss l-anqas miż-żewġ ammonti fil-perjodu tat-taxxa. Id-differenza bejn iż-żewġ ammonti m'għandhiex tiġi riportata jew trasferita lura.

Or. en

Emenda 272
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu sa 75 % fil-perjodu tat-taxxa li fih jiġġarrbu.Jekk tali ammont ikun ogħla minn 10 % tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA), il-kontribwent għandu dritt li jnaqqas biss l-anqas miż-żewġ ammonti fil-perjodu tat-taxxa.
	L-Artikoli 4(2), 4(3), 4(4), il-punt (b), 4(5), 4(7) and 4(8) tad-Direttiva tal-Kunsill

	(UE) 2016/1164 għandhom japplikaw għal grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 273
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-kostijiet eċċessivi tat-teħid b'self li jinħolqu minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 274
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Regola dwar il-limitazzjoni tar-royalties
	Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jaġġusta l-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tiegħu biex jinkludi l-ammont tal-kostijiet tar-royalties li għalihom l-introjtu korrispondenti tar-riċevitur tal-pagament tat-tariffa tar-royalty jew tal-liċenzja mill-grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal rata tat-taxxa effettiva ta' anqas minn 9 %.

Or. en

Emenda 275
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT li jwettaq attivitajiet ta' tbaħħir għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġi eskluż l-ammont ta' dħul, ta' spejjeż u ta' entrati deduċibbli oħrajn derivati minn tali attivitajiet koperti minn taxxa fuq it-tunnellaġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 276
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT li jwettaq attivitajiet ta' tbaħħir għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġi eskluż l-ammont ta' dħul, ta' spejjeż u ta' entrati deduċibbli oħrajn derivati minn tali attivitajiet koperti minn taxxa fuq it-tunnellaġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 277
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi l-ammont ta' kwalunkwe taxxa korporattiva, taxxi simili fuq il-profitti u t-taxxi differiti dovuti għas-sena fiskali kif ukoll kwalunkwe ammont irreġistrat bħala taxxi kurrenti fil-kontijiet finanzjarji fir-rigward tal-pagament ta' taxxa supplimentari dovuta f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523 jew fl-applikazzjoni ta' Taxxa Kumplimentari Domestika Kwalifikata kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat sabiex jinkludi l-ammont ta' kwalunkwe taxxa korporattiva, taxxi simili fuq il-profitti u t-taxxi differiti dovuti għas-sena fiskali kif ukoll kwalunkwe ammont irreġistrat bħala taxxi kurrenti fil-kontijiet finanzjarji fir-rigward tal-pagament ta' taxxa supplimentari dovuta f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523 jew fl-applikazzjoni ta' Taxxa Kumplimentari Domestika Kwalifikata kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva***, jew kwalunkwe taxxa minima alternattiva***.

Or. en

Emenda 278
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat ***sabiex jiġu eskluži dawn li ġejjin:***	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat ***f'konformità mal-Artikolu 16(1), il-punt (e) tad-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022.***

Or. en

Emenda 279
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-ammont ta' kwalunkwe gwadann jew telf mhux realizzat minn skambju	***imħassar***

barrani fir-rigward ta' assi u ta' obbligazzjonijiet fissi;

Or. en

Emenda 280
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont ta' kwalunkwe provvediment irreġistrat għal telf mhux realizzat minn skambju barrani.	***imħassar***

Or. en

Emenda 281
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Kumpaniji Barranin Ikkontrollati
	L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat biex jinkludi:
	(a) l-introjtu mhux distribwit ta' entità jew ta' stabbiliment permanenti li huwa derivat mill-kategoriji li ġejjin:
	(i) imgħax jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;
	(ii) royalties jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;
	(iii) dividendi u introjtu mid-disponiment ta' ishma;

(iv) introjtu minn self finanzjarju;

(v) introjtu minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, dawk bankarji, u attivitajiet finanzjarji oħra;

(vi) introjtu minn kumpanniji ta' fatturazzjoni li jaqilgħu introjtu fuq bejgħ u servizzi minn oġġetti u servizzi mixtrija minn intrapriżi assoċjati u mibjugħa lil ntrapriżi assoċjat, u ma jżidu l-ebda valur ekonomiku jew iżidu ftit; L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-kumpanija barranija kkontrollata twettaq attività ekonomika sostantiva appoġġata minn persunal, tagħmir, assi u bini, kif muri minn fatti u ċirkostanzi rilevanti. Meta l-kumpanija barranija kkontrollata tkun residenti jew tinsab f'pajjiż terz li mhux parti mill-Ftehim taż-ŻEE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jastjenu milli japplikaw l-ewwel subparagrafu.

(b) l-introjtu mhux iddistribwit tal-entità jew stabbiliment permanenti li jirriżulta minn arranġamenti mhux ġenwini li ġew stabbiliti għall-fini essenzjali li jinkiseb benefiċċju fiskali. Għall-finijiet ta' dan il-punt, arranġament jew sensiela minhom għandhom jitqiesu bħala mhux ġenwini sal-punt li fih l-entità jew l-istabbiliment permanenti ma jkunux il-propjetarji tal-assi jew ma jkunux ħadu r-riskji li jiġġeneraw l-introjtu kollu tiegħu, jew parti minnu, li kieku ma kienx ikkontrollat minn kumpanija fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-persuni sinifikanti, li huma rilevanti għal dawk l-assi u riskji, u li huma strumentali biex jiġi ġġenerat l-introjtu tal-kumpanija kkontrollata.

2. L-introjtu li għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/1164.

Or. en

Emenda 282

Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b
	Kumpaniji barranin ikkontrollati
	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat biex jinkludi l-introjtu mhux distribwit ta' entità jew stabbiliment permanenti ttrattat bħala kumpanija barranija kkontrollata kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164, li huwa derivat mill-kategoriji li ġejjin:
	(i) imgħax jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;
	(ii) royalties jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;
	(iii) dividendi u introjtu mid-disponiment ta' ishma;
	(iv) introjtu minn self finanzjarju;
	(v) introjtu minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, dawk bankarji, u attivitajiet finanzjarji oħra;
	(vi) introjtu minn kumpanniji ta' fatturazzjoni li jaqilgħu introjtu fuq bejgħ u servizzi minn oġġetti u servizzi mixtrija minn intrapriżi assoċjati u mibjugħa lil ntrapriżi assoċjat, u ma jżidu l-ebda valur ekonomiku jew iżidu ftit; Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija barranija kkontrollata twettaq attività ekonomika sostantiva appoġġata minn persunal, tagħmir, assi, u bini, kif muri minn fatti u ċirkostanzi rilevanti. Meta l-kumpanija barranija kkontrollata tkun residenti jew tinsab f'pajjiż terz li mhuwiex Stat Membru taż-ŻEE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li joqogħdu lura milli japplikaw dan il-paragrafu.
	2. L-introjtu li għandu jiġi inkluż fil-bażi

għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164.

Or. en

Emenda 283
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Kumpaniji Barranin Ikkontrollati
	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi aġġustat biex jinkludi l-introjtu mhux distribwit ta' entità jew stabbiliment permanenti, li huwa ttrattat bħala kumpanija barranija kkontrollata kif imsemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2016/1164, li huwa derivat mill-kategoriji li ġejjin:
	(i) imgħax jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;
	(ii) royalties jew kwalunkwe introjtu ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali;
	(iii) dividendi u introjtu mid-disponiment ta' ishma;
	(iv) introjtu minn self finanzjarju;
	(v) introjtu minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, dawk bankarji, u attivitajiet finanzjarji oħra;
	(vi) introjtu minn kumpanniji ta' fatturazzjoni li jaqilgħu introjtu fuq bejgħ u servizzi minn oġġetti u servizzi mixtrija minn intrapriżi assoċjati u mibjugħa lil ntrapriżi assoċjat, u ma jżidu l-ebda valur ekonomiku jew iżidu ftit;
	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-kumpanija barranija kkontrollata twettaq attività ekonomika

sostantiva appoġġata minn persunal, tagħmir, assi u bini, kif muri minn fatti u ċirkostanzi rilevanti.

Meta l-kumpanija barranija kkontrollata tkun residenti jew tinsab f'pajjiż terz li mhux parti mill-Ftehim taż-ŻEE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jastjenu milli japplikaw l-ewwel subparagrafu.

2. L-introjtu li għandu jiġi inkluż fil-bażi għat-taxxa għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/1164.

Or. en

Emenda 284
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***li jkun*** anqas minn EUR ***5000***.	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***ta'*** anqas minn EUR ***10 000***.

Or. en

Emenda 285
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li

valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***li jkun*** anqas minn EUR ***5000***.	għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***ta'*** anqas minn EUR ***10 000***.

Or. en

Emenda 286
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***li jkun*** anqas minn EUR ***5000***.	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament ***ta'*** anqas minn EUR ***10 000***.

Or. en

Emenda 287
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament li jkun anqas minn EUR ***5000***.	1. L-introjtu jew it-telf nett tal-kontabilità finanzjarja ta' membru tal-grupp ***tal-BEFIT*** għandu jiġi aġġustat sabiex fis-sena fiskali tal-akkwiżizzjoni jiġi eskluż kwalunkwe assi fiss tanġibbli li għandu valur kontabilistiku qabel id-deprezzament li jkun anqas minn EUR ***500***.

Or. en

Emenda 288
Manon Aubry

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***28*** sena;	(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***50*** sena;

Or. en

Emenda 289
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***28 sena;***	(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***30 sena,***

Or. en

Emenda 290
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***28 sena;***	(a) il-bini kollu kif ukoll kwalunkwe tip ieħor ta' proprjetà immobbli u ta' struttura li tintuża għan-negozju: ***30 sena,***

Or. en

Emenda 291
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7;	(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7***, iżda mhux anqas minn 10 snin***;

Or. en

Emenda 292
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7;	(b) l-assi fissi tanġibbli l-oħrajn kollha: il-ħajja utli tagħhom kif ivvalutata f'konformità mal-istandard kontabilistiku aċċettabbli fl-Unjoni msemmi fl-Artikolu 7***, iżda mhux anqas minn 5 snin***;

Or. en

Emenda 293
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) assi fissi intanġibbli, inkluż l-avvjament akkwiżit: il-perjodu li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt u, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ***5 snin***.	(c) assi fissi intanġibbli, inkluż l-avvjament akkwiżit: il-perjodu li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt u, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ***20 sena***.

Or. en

Emenda 294
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) assi fissi intanġibbli, inkluż l-avvjament akkwiżit: il-perjodu li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt u, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ***5 snin***.	(c) assi fissi intanġibbli, inkluż l-avvjament akkwiżit: il-perjodu li matulu l-assi jgawdi minn protezzjoni legali jew li għalih ikun ingħata d-dritt u, jekk dak il-perjodu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ***20 sena***.

Or. en

Emenda 295
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. B'deroga mill-paragrafu 2, l-assi fissi b'impronta tal-karbonju kbira, kemm fil-produzzjoni tagħhom kif ukoll fl-użu tagħhom, għandhom jiġu deprezzati sa nofs il-valur tas-suq tagħhom.
	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-kriterji li jiddefinixxu l-valuri li jikkostitwixxu impronta tal-karbonju kbira. Ir-regoli għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

Or. en

Emenda 296
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi regoli temporanji dwar id-deprezzament aċċellerat għall-kost tal-assi eliġibbli u titjib li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'użu doppju.

Or. en

Emenda 297
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri ma jistgħux jagħtu dritt għal aktar deprezzament lil membru tal-grupp tal-BEFIT għajr dawk speċifikati f'din it-Taqsima.

Or. en

Emenda 298
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri ma jistgħux jagħtu dritt għal aktar deprezzament lil

membru tal-grupp tal-BEFIT għajr dawk speċifikati f'din it-Taqsima.

Or. en

Emenda 299
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 22a
	Regoli tad-Deprezzament Ekoloġiku u Soċjali aċċellerat
	1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 22, l-assi fissi akkwistati minn membri tal-grupp tal-BEFIT fl-Unjoni jew f'pajjiżi b'introjtu baxx li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-għanijiet klimatiċi u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU tal-2030 għandhom ikunu soġġetti għal regoli ta' deprezzament aċċellerat fil-livell tal-Istat Membru.
	2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-qafas u l-kriterji meħtieġa biex tħaddem il-paragrafu 1. Ir-regoli għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.
	3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli eżistenti tagħhom ta' deprezzament aċċellerat fil-livell nazzjonali, skont il-paragrafi 1 u 2, tliet xhur wara li din id-Direttiva tibda tapplika u f'konformità mal-obbligu previst fl-Artikolu 48(2).
	4. Wara li tibda tapplika din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' deprezzament aċċellerat ġodda tagħhom 6 xhur qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom fil-livell nazzjonali u f'konformità mal-

obbligu previst fl-Artikolu 48(2).

Or. en

Emenda 300
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) assi fissi użati f'attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 301
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-assi intanġibbli kollha li l-ħajja utli tagħhom ma tistax tiġi ddefinita.

Or. en

Emenda 302
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 37 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-sehem tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT li jkun ġie allokat lil membru tal-grupp tal-BEFIT f'sena fiskali ma jkunx biżżejjed sabiex jitnaqqsu bis-sħiħ l-ammonti msemmijin fl-ewwel u fit-tielet	***imħassar***

subparagrafi, l-ammonti mhux skontati għandhom jiġu riportati u paċuti mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kontra s-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fis-snin fiskali ta' wara.

Or. en

Emenda 303
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 38	***imħassar***
38 Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.	
Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.	

Or. en

Emenda 304
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.	Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab ***sa ħames snin*** qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 305
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III.	Meta kumpanija jew stabbiliment permanenti jidħol fi grupp tal-BEFIT, kwalunkwe telf mhux ikkumpensat imġarrab qabel id-data tad-dħul, f'konformità mal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru tar-residenza jew tal-post tat-taxxa tiegħu rispettivament, għandu jitnaqqas mis-sehem tiegħu tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT kif iddeterminat f'konformità mal-Kapitolu III***, sal-punt li huma deduċibbli skont il-liġi tat-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal skopijiet ta' taxxa jew li jkun jinsab fih fil-forma ta' stabbiliment permanenti***.

Or. en

Emenda 306
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-Artikolu 9, meta, bħala riżultat ta' disponiment tal-ishma, membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp tal-BEFIT u matul dik is-sena fiskali preċedenti, dan il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun kiseb, fi tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT, assi fiss wieħed jew aktar, ***ammont*** li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jirriżulta mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT ta' dawn l-assi fissi għandu jiġi inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li kien sid l-assi qabel id-disponiment tal-grupp intra-BEFIT.	Minkejja l-Artikolu 9, meta, bħala riżultat ta' disponiment tal-ishma, membru tal-grupp tal-BEFIT jitlaq mill-grupp tal-BEFIT u matul dik is-sena fiskali preċedenti, dan il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun kiseb, fi tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT, assi fiss wieħed jew aktar, ***l-ammont*** li jikkorrispondi għall-gwadann jew għat-telf li jirriżulta mid-disponiment tal-grupp intra-BEFIT ta' dawn l-assi fissi għandu jiġi inkluż fl-introjtu jew fit-telf nett tal-kontabilità finanzjarja tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li kien sid l-assi qabel id-disponiment tal-grupp intra-BEFIT.

Or. en

Emenda 307
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 308
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva

Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi.	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-membru tal-grupp tal-BEFIT juri li t-tranżazzjoni tal-grupp intra-BEFIT twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi ***u skont il-parametri tas-suq liberu***.

Or. en

Emenda 309
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 42a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 42a
	Komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa globali tal-BEFIT
	1. Meta jkun possibbli, il-gruppi kollha tal-BEFIT għandhom jiddikjaraw bażi għat-taxxa globali konsolidata, li tiġbor flimkien ir-riżultati finanzjarji tal-membri kollha tal-grupp, li jinsabu fl-Istati Membri u f'ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi.
	2. Il-bażi għat-taxxa tal-UE ta' BEFIT deskritta fl-Artikolu 42 għandha tiġi kkoreġuta 'l fuq kif xieraq f'każ li l-ammont li jirriżulta mill-paragrafu 1 ikun ogħla.
	3. Meta l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT f'sena partikolari tkun ammont pożittiv, il-profitt għandu jiġi allokat f'konformità mar-regola stabbilita fl-Artikolu 45a.

Or. en

Emenda 310
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT	Komputazzjoni tal-bażi għat-taxxa ***tal-UE*** tal-BEFIT

Or. en

Emenda 311
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT f'sena partikolari tkun:	2. Meta l-bażi għat-taxxa ***tal-UE*** tal-BEFIT f'sena partikolari tkun:

Or. en

Emenda 312
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ammont pożittiv, il-profitt għandu jiġi allokat f'konformità ***mal-Artikolu 45***;	(a) ammont pożittiv, il-profitt għandu jiġi allokat f'konformità ***mar-regola stabbilita fl-Artikolu 45a***;

Or. en

Emenda 313

Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat u għandu jiġi paċut kontra l-bażi għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.	***imħassar***

Or. en

Emenda 314
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat u għandu jiġi paċut ***kontra l-bażi*** għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.	(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat ***għal massimu ta' ħames snin*** u għandu jiġi paċut ***mal-bażi*** għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.

Or. en

Emenda 315
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat u għandu jiġi paċut ***kontra l-bażi*** għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss.	(b) ammont negattiv, it-telf għandu jiġi riportat u għandu jiġi paċut ***mal-bażi*** għat-taxxa pożittiva tal-BEFIT li jmiss ***ladarba sseħħ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni ta' żmien għar-riport.

Emenda 316
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu taxxi f'ras il-għajn jew kwalunkwe tassazzjoni ta' sorsi oħrajn fuq tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT sakemm is-sid benefiċjarju tal-pagament ma jkunx membru tal-grupp tal-BEFIT.	***imħassar***

Or. en

Emenda 317
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 43 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kriterji ċari u armonizzati għad-determinazzjoni tas-sjieda benefiċjarja. Dawn il-kriterji għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tas-sistema ta' eżenzjoni, inaqqsu l-inċertezza legali, u jipprevjenu l-abbuż. Il-kriterji għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u allinjati, fejn xieraq, mal-istandards internazzjonali.

Or. en

Emenda 318

Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT jikseb introjtu li jkun ġie intaxxat fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, ***għandu*** jingħata kreditu tat-taxxa f'konformità mal-konvenzjoni applikabbli dwar it-taxxa doppja jew mal-liġi nazzjonali tiegħu u jiġi kondiviż fost il-membri tal-grupp tal-BEFIT bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni bażi msemmi fl-Artikolu 45.	1. Meta membru tal-grupp tal-BEFIT jikseb introjtu li jkun ġie intaxxat fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, ***jista'*** jingħata kreditu tat-taxxa f'konformità mal-konvenzjoni applikabbli dwar it-taxxa doppja jew mal-liġi nazzjonali tiegħu u jiġi kondiviż fost il-membri tal-grupp tal-BEFIT bl-użu tal-metodu ta' allokazzjoni bażi msemmi fl-Artikolu 45***, dment li jiġi ggarantit livell minimu ta' tassazzjoni effettiva***.

Or. en

Emenda 319
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 320
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Regola dwar l-allokazzjoni ***ta' tranżizzjoni***	Regola dwar l-allokazzjoni ***bbażata fuq formula***

Or. en

Emenda 321
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Regola dwar l-allokazzjoni ***ta' tranżizzjoni***	Regola dwar l-allokazzjoni ***bażi***

Or. en

Emenda 322
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull sena fiskali ***bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni")***, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT ***f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi***.	Għal kull sena fiskali, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT ***abbażi ta' formula li tagħti piż ugwali lil żewġ fatturi: għadd ta' impjegati u dħul minn partijiet terzi mhux relatat***.

Or. en

Emenda 323
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità	Il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi. ***Din ir-regola għandha ssir nulla mal-adozzjoni tal-Pilastru 1 minn mill-inqas 30 ġurisdizzjoni li***

mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.	***jirratifikaw il-Konvenzjoni Multilaterali biex jiġi implimentat ammont A tal-Ewwel Pilastru fl-ambitu tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim, inkluż li l-ġuriżdizzjonijiet ratifikanti kollettivament jirrappreżentaw mill-inqas 600 punt, kif definit fl-Anness I.A tal-Konvenzjoni.***

Or. en

Emenda 324
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull sena fiskali ***bejn l-1 ta' Lulju 2028 u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni")***, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.	Għal kull sena fiskali ***sa meta l-Unjoni tadotta allokazzjoni permanenti biex tissostitwixxi r-reġim tranżizzjonali***, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

Or. en

Emenda 325
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju ***2028*** u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.	Għal kull sena fiskali bejn l-1 ta' Lulju ***2030*** u t-30 ta' Ġunju 2035 l-aktar tard (il-"perjodu ta' tranżizzjoni"), il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

Or. en

Emenda 326
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal gruppi li jsiru soġġetti għal din id-Direttiva wara t-tmiem tal-ewwel sena fiskali meta din id-Direttiva tibda tapplika, il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2035.	***imħassar***

Or. en

Emenda 327
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal gruppi li jsiru soġġetti għal din id-Direttiva wara t-tmiem tal-ewwel sena fiskali meta din id-Direttiva tibda tapplika, il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2035.	***imħassar***

Or. en

Emenda 328
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Allokazzjoni bażi =	***Sehem A = (1/2 * [Dħul mhux relatat ta' partijiet terzi]^{A}/[Dħul mhux relatat ta' partijiet terzi]^{Grupp} + 1/2 * (Nru.[Impjegati]^{A}) /[Nru.Impjegati]^{Grupp}) * Bażi għat-Taxxa Konsolidata***

Or. en

Emenda 329
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn:	***imħassar***
(a) ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.	
ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.	
Fl-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	
Fit-tieni sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sentejn fiskali preċedenti, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.	
Fit-tielet sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva,	

dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sentejn fiskali li fihom grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sena fiskali li tiġi immedjatament qabel, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Mir-raba' sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT fit-3 snin fiskali preċedenti.

Or. en

Emenda 330
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn:	***imħassar***
(a) ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.	
ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.	
Fl-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta'	

stabbiliment permanenti.

Fit-tieni sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sentejn fiskali preċedenti, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Fit-tielet sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sentejn fiskali li fihom grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sena fiskali li tiġi immedjatament qabel, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Mir-raba' sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT fit-3 snin fiskali preċedenti.

Or. en

Emenda 331
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.	***imħassar***

Fl-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Fit-tieni sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sentejn fiskali preċedenti, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Fit-tielet sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sentejn fiskali li fihom grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sena fiskali li tiġi immedjatament qabel, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.

Mir-raba' sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 332
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ir-riżultat taxxabbli ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun il-medja tar-	***imħassar***

riżultati taxxabbli fit-3 snin fiskali preċedenti.

Or. en

Emenda 333
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 334
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fit-tieni sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sentejn fiskali preċedenti, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 335
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fit-tielet sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati, għall-ewwel sentejn fiskali li fihom grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva u għas-sena fiskali li tiġi immedjatament qabel, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv.	***imħassar***

Or. en

Emenda 336
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mir-raba' sena fiskali li fiha grupp tal-BEFIT ikun soġġett għal din id-Direttiva, dawk ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 337
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(aa) Ir-riżultati taxxabbli għandhom jiġu ddeterminati skont il-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 338
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT fit-3 snin fiskali preċedenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 339
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT ***fit-3 snin fiskali preċedenti***.	(b) ir-riżultat taxxabbli totali tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun iż-żieda ***flimkien*** tal-medja tar-riżultati taxxabbli, kif imsemmi fil-punt (a), tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 340
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa li jidentifikaw iż-żewġ fatturi, inklużi regoli dettaljati dwar il-kalkolu ta' dawn il-fatturi li jqisu setturi speċifiċi bħall-fornituri ta' servizzi diġitali u t-trasport internazzjonali. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74.

Or. en

Emenda 341
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jistrutturaw il-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom għall-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT kif ġej:	***imħassar***
(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn 10 % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;	
(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'10 % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.	

Or. en

Emenda 342
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***10*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;	(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***15*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;

Or. en

Emenda 343
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***10*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;	(a) żona b'riskju baxx: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali b'anqas minn ***15*** % meta mqabbla mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT;

Or. en

Emenda 344
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali ***b'10*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.	(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali ***bi 15*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.

Or. en

Emenda 345
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali ***b'10*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.	(b) żona ta' riskju għoli: meta l-ispiża mġarrba, jew l-introjtu miksub, minn membru tal-grupp tal-BEFIT minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT jiżdiedu f'sena fiskali ***bi 15*** % jew aktar meta mqabblin mal-ispiża jew mal-introjtu medji tat-3 snin fiskali preċedenti minn tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT.

Or. en

Emenda 346
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jistrutturaw l-approċċ tagħhom għall-konformità mar-riskju f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:	***imħassar***
(a) żona b'riskju baxx: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati	

għandhom jassumu li il-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ikun konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament;

(b) żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżumu li il-prezzar tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ma jikkonformax mal-prinċipju ta' distakkament u l-parti taż-żieda li tmur lil hinn minn 10 % ma għandhiex tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

Minkejja r-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-punt (b), membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkun intitolat jipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew li jkun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti li l-prezzar tat-tranżazzjonijiet rilevanti tal-grupp intra-BEFIT ikun stabbilit f'konofrmità mal-prinċipju ta' distakkament. F'każ bħal dan, l-ammont sħiħ ta' spejjeż mit-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT inkwistjoni, kif muri, għandu jiġi rrikonoxxut għall-fini tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 347
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati	(b) żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati

għandhom jippreżumu li ***il-prezzar*** tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ma jikkonformax mal-prinċipju ta' distakkament u l-parti taż-żieda li tmur lil hinn minn ***10*** % ma għandhiex tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

għandhom jippreżumu li ***l-prezzar*** tat-tranżazzjonijiet tal-grupp intra-BEFIT ta' membru speċifiku tal-grupp tal-BEFIT ma jikkonformax mal-prinċipju ta' distakkament u l-parti taż-żieda li tmur lil hinn minn ***15*** % ma għandhiex tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 348
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Minkejja l-Artikolu 13(2), kostijiet tas-self eċċessivi kif imsemmijin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 li jirriżultaw minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jġarrab it-tali kostijiet.	5. Minkejja l-Artikolu 13(2), kostijiet tas-self eċċessivi kif imsemmijin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 li jirriżultaw minn tranżazzjoni bejn il-membri tal-grupp tal-BEFIT ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jġarrab it-tali kostijiet. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iħeġġu lin-negozji jnaqqsu dawn ir-riskji.***

Or. en

Emenda 349
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta'	***imħassar***

tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba membri ġodda li jingħaqdu mal-grupp jew membri li jitilqu mill-grupp, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi għandu jiġi kkomputat mill-ġdid f'konformità mal-paragrafu 2. Għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi l-ġdid għaż-żmien li jibqa' sa tmiem dan il-perjodu, sakemm bidliet sussegwenti fl-istruttura tal-grupp tal-BEFIT ma jkunux jeħtieġu komputazzjoni mill-ġdid oħra tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.

Or. en

Emenda 350
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba membri ġodda li jingħaqdu mal-grupp jew membri li jitilqu mill-grupp, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi għandu jiġi kkomputat mill-ġdid f'konformità mal-paragrafu 2. Għal kull membru tal-grupp tal-BEFIT, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata f'konformità mal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi l-ġdid għaż-żmien li jibqa' sa tmiem dan il-perjodu, sakemm bidliet sussegwenti fl-istruttura tal-grupp tal-BEFIT ma jkunux jeħtieġu komputazzjoni mill-ġdid oħra tal-perċentwal tal-allokazzjoni bażi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 351
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba l-ħolqien ta' kumpanija ġdida waħda jew aktar li tikkwalifika bħala membru tal-grupp tal-BEFIT, ir-regoli għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, kif stabbiliti fil-paragrafu 2, ma għandhomx japplikaw għall-membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT fl-ewwel sena fiskali. Għas-snin fiskali sussegwenti sa tmiem dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2.	***imħassar***

Or. en

Emenda 352
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk l-istruttura tal-grupp tal-BEFIT tinbidel matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 minħabba l-ħolqien ta' kumpanija ġdida waħda jew aktar li tikkwalifika bħala membru tal-grupp tal-BEFIT, ir-regoli għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, kif stabbiliti fil-paragrafu 2, ma għandhomx japplikaw għall-membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT fl-ewwel sena fiskali. Għas-snin fiskali sussegwenti sa tmiem dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-perċentwal tal-allokazzjoni bażi tal-	***imħassar***

membri l-ġodda tal-grupp tal-BEFIT għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 353
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk grupp isir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva aktar tard mill-1 ta' Lulju 2028, l-allokazzjoni bażi għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT matul il-parti li jifdal tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 354
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk grupp isir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva aktar tard mill-1 ta' Lulju 2028, l-allokazzjoni bażi għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT matul il-parti li jifdal tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 355
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk grupp isir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2028***, l-allokazzjoni bażi għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT matul il-parti li jifdal tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.	8. Jekk grupp isir soġġett għar-regoli ta' din id-Direttiva aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2030***, l-allokazzjoni bażi għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT matul il-parti li jifdal tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 356
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha twettaq riżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 357
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' ***tranżizzjoni*** li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż ***possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari*** u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali ***matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1***. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva ***matul il-perjodu ta' tranżizzjoni,*** sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT ***bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi***.	9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' ***allokazzjoni*** li bħala parti minnha għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż ***tal-formula*** u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu ***differenti*** għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT ***u tinkludi, meta jkun meħtieġ, regola dwar l-allokazzjoni speċifika għas-settur***.

Or. en

Emenda 358
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni li bħala parti ***minnha*** għandha tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk	9. ***Sena qabel l-aħħar sena tal-perjodu tranżizzjonali,*** il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni li bħala parti ***minnu*** għandha tħejji ***studju dwar l-interazzjoni mad-Direttiva (UE) 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022 u*** studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi

il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.	ta' formula partikolari ***li jkun effettiv u ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha*** u tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.
	Or. en

Emenda 359
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni ***li bħala parti minnha*** għandha ***tħejji studju dwar il-kompożizzjoni u l-piż possibbli ta' fatturi ta' formula partikolari u*** tippreżenta rapport lill-Kunsill sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.	9. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami komprensiv tar-regola ta' tranżizzjoni ***u*** għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** sa tmiem it-tielet sena fiskali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Jekk il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, filwaqt li tikkunsidra l-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, hija tista' tadotta proposta leġiżlattiva matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex temenda din id-Direttiva billi tintroduċi metodu għall-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT bl-użu ta' formula tat-tqassim u fuq il-bażi ta' fatturi.
	Or. en

Emenda 360

Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Fit-tfassil ta' metodu ta' allokazzjoni permanenti biex jissostitwixxi r-regola tal-allokazzjoni tranżizzjonali stabbilita skont din id-Direttiva, l-Unjoni għandha timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni internazzjonali tal-Konvenzjoni Multilaterali dwar l-Ammont A tal-Ewwel Pilastru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20. Jekk il-ġuriżdizzjonijiet ewlenin kollha jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi li tallinja l-metodu tal-allokazzjoni tal-BEFIT mar-regoli tal-allokazzjoni tal-profitt definiti fih, sabiex tiżgura l-koerenza u timminimizza r-riskji ta' tassazzjoni doppja.

Or. en

Emenda 361
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Fin-nuqqas ta' tali implimentazzjoni globali, u filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-UE li joperaw globalment, il-Kummissjoni tista' tipproponi formula ta' allokazzjoni speċifika għall-Unjoni. Din il-formula għandha tirrifletti s-sustanza ekonomika u tista' tibbaża fuq elementi tal-approċċ tal-Ewwel Pilastru tal-OECD jew tistabbilixxi metodu distint ibbażat fuq indikaturi oġġettivi tal-ekonomija reali.

Or. en

Emenda 362
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 9c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9c. Qabel ma tippproponi tali formula, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva. Din il-valutazzjoni għandha tevalwa l-adozzjoni globali tal-Ewwel Pilastru, l-effetti tal-metodu ta' allokazzjoni propost fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, il-kompetittività tan-negozji, il-pożijiet tal-konformità, u l-implikazzjonijiet legali u amministrattivi ta' devjazzjoni mill-istandards internazzjonali. Is-sejbiet tal-valutazzjoni għandhom jinfurmaw id-disinn ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' tqassim futur u għandhom jiġu ppubblikati.

Or. en

Emenda 363
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8 għandhom ikomplu japplikaw sakemm tidħol fis-seħħ kwalunkwe emenda tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 364

Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8 għandhom ikomplu japplikaw sakemm tidħol fis-seħħ kwalunkwe emenda tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

As GreensEFA we believe that BEFIT should be adopted including formulary apportionment, including a test phase, but without a transition period. There is no justification to not include formulary apportionment from the start onwards besides political motives. Technically, several formulas have already been tested by academia and the Commission in earlier proposals. However, if no Parliamentary majority shares this view, we believe that the transition period should be shortned, and the formula should already be agreed to kick in after the transition period unless the collected data and impact assessment indicate a different formula is needed. Most importantly, no cross-border loss relief should be allowed during the transition period, or at the very least this should be limited, as this would potentially impact severely the tax revenues of certain Member States. Finally, the risk assessment framework as proposed by the Commission should be stricter in its application if the transition period where to remain.

Emenda 365
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45a
	Regola ta' allokazzjoni bbażata fuq fatturi tanġibbli
	1. Mill-1 ta' Lulju 2027, il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT għandha tiġi allokata lill-membri tal-grupp tal-BEFIT f'kull sena tat-taxxa abbażi ta' formula li tagħti l-istess importanza lill-fatturi tal-bejgħ, tax-xogħol u tal-assi skont l-Artikoli 45b sa 45h: Sehem A = (Bejgħ^{A} / (3 * Bejgħ^{Grupp})

+ Total tar-remunerazzjonijiet^{A} / (6 * Total tar-remunerazzjonijiet^{Grupp}) + Nru.Impegati^{A} / (6 * Nru.Impegati^{Grupp}) + Assi^{A}/ (3* Assi^{Grupp})) * Bażi għat-Taxxa Konsolidata

2. Il-bażi għat-taxxa konsolidata ta' grupp tal-BEFIT għandha tiġi kondiviża biss meta tkun pożittiva.

3. Il-kalkoli għall-kondivižjoni tal-bażi għat-taxxa konsolidata għandhom isiru fi tmiem is-sena tat-taxxa tal-grupp tal-BEFIT.

4. Perjodu ta' 15-il jum jew aktar f'xahar kalendarju għandu jitqies bħala xahar sħiħ.

5. Meta jiġi ddeterminat is-sehem imqassam ta' membru tal-grupp tal-BEFIT, għandu jingħata piż ugwali lill-fatturi tal-bejgħ, tax-xogħol u tal-assi.

Or. en

Emenda 366
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45b
	Kompożizzjoni tal-fattur tax-xogħol
	1. Il-fattur tax-xogħol għandu jikkonsisti, nofsu mill-ammont totali tar-remunerazzjonijiet ta' membru tal-grupp tal-BEFIT bħala n-numeratur tiegħu u l-ammont totali tar-remunerazzjonijiet tal-grupp tal-BEFIT bħala d-denominatur tiegħu, u n-nofs l-ieħor, mill-għadd ta' impjegati ta' membru tal-grupp tal-BEFIT bħala n-numeratur tiegħu u l-għadd ta' impjegati tal-grupp tal-BEFIT bħala d-denominatur tiegħu. Fejn impjegat individwali jkun inkluż fil-fattur

tax-xogħol ta' membru tal-grupp tal-BEFIT, it-total tar-remunerazzjonijiet relatat ma' dak l-impjegat għandu jiġi allokat lill-fattur tax-xogħol tal-istess membru tal-grupp tal-BEFIT.

2. L-għadd ta' impjegati għandu jitkejjel fl-aħħar tas-sena tat-taxxa.

3. Id-definizzjoni ta' impjegat għandha tiġi ddeterminata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn jiġi eżerċitat l-impjieg.

Or. en

Emenda 367
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45c
	Allokazzjoni tal-impjegati u t-total tar-remunerazzjonijiet
	1. L-impjegati għandhom jiġu inklużi fil-fattur tax-xogħol tal-membru tal-grupp li mingħandu jirċievu r-remunerazzjoni. Għandhom jiġu inklużi impjegati b'kull tip ta' kuntratt.
	2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta l-impjegati jeżerċitaw fiżikament l-impjieg taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' entità għajr dik li mingħandha jirċievu r-remunerazzjoni, dawk l-impjegati kif ukoll it-total tar-remunerazzjonijiet relatat magħhom għandu jiġi inkluż fil-fattur tax-xogħol tal-entità preċedenti. Din ir-regola għandha tapplika biss fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) l-impjieg idum għal perjodu mhux interrott ta' mill-inqas tliet xhur;
	(b) dawk l-impjegati jirrappreżentaw mill-anqas 5 % tan-numru globali ta' impjegati tal-membru tal-grupp li

mingħandu jirċievu r-remunerazzjoni.

3. L-impjegati għandhom jinkludu l-persuni li, għalkemm ma humiex impjegati direttament minn membru tal-grupp tal-BEFIT, iwettqu kompiti simili għal dawk imwettqa mill-impjegati.

4. It-total tar-remunerazzjonijiet għandu jinkludi l-kostijiet kollha tas-salarji, tal-pagi, tal-bonusijiet u ta' kull kumpens ieħor għall-impjegati, inklużi l-kostijiet relatati mal-pensjonijiet u mas-sigurtà soċjali li jġarrab l-impjegatur kif ukoll l-ispejjeż tal-impjegatur li jikkorrispondu għall-kost tal-persuni kif imsemmi fil-paragrafu 3.

Il-kostijiet tat-total tar-remunerazzjonijiet għandhom jiġu stmati daqs l-ammont tal-ispejjeż li jiġu ttrattati bħala deduċibbli mill-impjegatur f'sena tat-taxxa.

Or. en

Emenda 368
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45d
	Kompożizzjoni tal-fattur tal-assi
	1. Il-fattur tal-assi għandu jikkonsisti mill-valur medju tal-assi tanġibbli fissi kollha li jkunu proprjetà ta' membru tal-grupp tal-BEFIT, jew mikrija jew b'lokazzjoni bħala n-numeratur tiegħu, u l-valur medju tal-assi tanġibbli fissi kollha li jkunu proprjetà tal-grupp, jew mikrija jew b'lokazzjoni bħala d-denominatur tiegħu.
	2. Fil-ħames snin li jsegwu s-sħubija ta' kontribwent fi grupp tal-BEFIT eżistenti jew ġdid, il-fattur tal-assi tiegħu għandu

jinkludi wkoll l-ammont totali ta' kostijiet imġarrba għar-riċerka, l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar mill-kontribwent matul is-sitt snin ta' qabel is-sħubija tiegħu fil-grupp.

Or. en

Emenda 369
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45e
	Allokazzjoni tal-assi
	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(2) u (3), assi għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tas-sid ekonomiku tiegħu. Meta s-sid ekonomiku ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-assi għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tas-sid legali. Madankollu, assi li ma jintużax b'mod effettiv mis-sid ekonomiku tiegħu għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li juża dak l-assi b'mod effettiv, dment li l-assi jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-valur għall-finijiet ta' taxxa tal-assi tanġibbli fissi kollha tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jużah b'mod effettiv.
	2. Ħlief fil-każ ta' lokazzjonijiet bejn membri tal-grupp tal-BEFIT, l-assi mogħtija b'lokazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-assi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jkun il-lokatur jew il-lokatarju tal-assi. L-istess għandu japplika għall-assi mikrija.

Or. en

Emenda 370
Manon Aubry

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45f
	Valwazzjoni
	1. L-art u assi tanġibbli fissi mhux deprezzabbli oħrajn għandhom jiġu stmati bil-prezz oriġinali tagħhom.
	2. Assi tanġibbli fiss deprezzabbli b'mod individwali għandu jiġi stmat fil-medja tal-valur tiegħu għall-finijiet tat-taxxa fil-bidu u fit-tmiem ta' sena tat-taxxa. Meta, b'riżultat ta' tranżazzjoni intragrupp waħda jew aktar, assi tanġibbli fiss deprezzabbli b'mod individwali jiġi inkluż fil-fattur tal-assi ta' membru tal-grupp tal-BEFIT għal anqas minn sena tat-taxxa, il-valur li jrid jiġi kkunsidrat għandu jiġi kkalkolat billi jitqies l-għadd ta' xhur li matulhom l-assi kien inkluż fil-fattur tal-assi ta' dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT.
	3. Il-kerrej jew il-lokatarju ta' assi li tiegħu ma huwiex is-sid ekonomiku għandu jistma dak l-assi mikri jew mogħti b'lokazzjoni bi tmien darbiet tal-ħlas annwali nett dovut għall-kiri jew għal-lokazzjoni, neqsin kwalunkwe ammont riċevibbli minn sottokirjiet jew sottolokazzjonijiet; Membru tal-grupp tal-BEFIT li jikri assi jew jagħtih b'lokazzjoni li ma jkunx is-sid ekonomiku tiegħu għandu jistma dak l-assi mikri jew mogħti b'lokazzjoni bi tmien darbiet tal-ħlas annwali nett dovut għall-kiri jew għal-lokazzjoni.
	***4. Assi mibjugħ minn membru tal-grupp tal-BEFIT lil persuna barra mill-grupp tal-BEFIT wara trasferiment intragrupp fl-istess sena tat-taxxa jew fis-sena tat-taxxa preċedenti għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-assi tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jittrasferixxi għall-perjodu bejn it-trasferiment intragrupp u l-bejgħ lill-**

persuna barra mill-grupp tal-BEFIT, ħlief meta l-membri tal-grupp tal-BEFIT ikkonċernati juru li t-trasferiment intragrupp kien sar minħabba raġunijiet kummerċjali ġenwini.

Or. en

Emenda 371
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45g
	Kompożizzjoni tal-fattur tal-bejgħ
	Il-fattur tal-bejgħ għandu jikkonsisti fil-bejgħ totali allokat lil membru tal-grupp tal-BEFIT bħala n-numeratur tiegħu u l-bejgħ totali tal-grupp tal-BEFIT bħala d-denominatur tiegħu.

Or. en

Emenda 372
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 45h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45h
	Bejgħ skont id-destinazzjoni
	1. Il-bejgħ tal-prodotti għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jinsab fl-Istat Membru fejn titwassal il-kunsinna jew it-trasport tal-prodotti lill-persuna li takkwistahom. Meta dak il-post ma jkunx jista' jiġi

ddeterminat, il-bejgħ tal-prodotti għandu jiġi attribwit lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li jkun jinsab fl-Istat Membru tal-aħħar post identifikabbli fejn kienu jinsabu l-prodotti.

2. Il-fornimenti ta' servizzi għandhom jiġu inklużi fil-fattur tal-bejgħ tal-membru tal-grupp tal-BEFIT li jkun jinsab fl-Istat Membru fejn is-servizzi jitwettqu fiżikament jew effettivament jiġu fornuti.

3. Meta ma jkun hemm l-ebda membru tal-grupp tal-BEFIT fl-Istat Membru fejn jiġu kkonsenjati l-prodotti jew jiġu fornuti s-servizzi, jew meta l-prodotti jiġu kkonsenjati jew is-servizzi jiġu fornuti f'pajjiż terz, il-bejgħ ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT b'mod proporzjonali għall-fatturi tax-xogħol u tal-assi tagħhom.

4. Meta jkun hemm aktar minn membru wieħed tal-grupp tal-BEFIT fl-Istat Membru fejn jiġu kkonsenjati l-prodotti jew fejn jiġu fornuti s-servizzi, il-bejgħ għandu jiġi inkluż fil-fattur tal-bejgħ tal-membri kollha tal-grupp tal-BEFIT li jkunu jinsabu f'dak l-Istat Membru b'mod proporzjonali għall-fatturi tax-xogħol u tal-assi tagħhom.

Or. en

Emenda 373
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 46 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikoli 42 sa ***45***, meta membru tal-grupp tal-BEFIT iwettaq in-negozju prinċipali tiegħu fil-qasam tal-attivitajiet estrattivi, id-dħul, l-ispejjeż u l-	B'deroga mill-Artikoli 42 sa ***45a***, meta membru tal-grupp tal-BEFIT iwettaq in-negozju prinċipali tiegħu fil-qasam tal-attivitajiet estrattivi, id-dħul, l-ispejjeż u l-

entrati deduċibbli oħrajn tiegħu li jirriżultaw minn attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li jinsab fl-Istat Membru fejn isseħħ l-estrazzjoni.	entrati deduċibbli oħrajn tiegħu li jirriżultaw minn attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li jinsab fl-Istat Membru fejn isseħħ l-estrazzjoni.

Or. en

Emenda 374
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-Artikoli 42 sa ***45***, meta ma jkun hemm l-ebda membru tal-grupp tal-BEFIT fl-Istat Membru tal-estrazzjoni, jew meta l-estrazzjoni sseħħ f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw minn tali attivitajiet għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li lilu jkunu dovuti.	2. B'deroga mill-Artikoli 42 sa ***45a***, meta ma jkun hemm l-ebda membru tal-grupp tal-BEFIT fl-Istat Membru tal-estrazzjoni, jew meta l-estrazzjoni sseħħ f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw minn tali attivitajiet għandhom jiġu attribwiti lill-membru tal-grupp tal-BEFIT li lilu jkunu dovuti.

Or. en

Emenda 375
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 47	***imħassar***
Eċċezzjoni għat-trasport marittimu mhux kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ, għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u għat-trasport bl-ajru	
1.	

B'deroga mill-Artikoli 42 sa 45 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-operat ta' bastimenti fit-traffiku internazzjonali meta r-riżultat taxxabbli ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ;

(b) it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru fit-traffiku internazzjonali;

(c) it-tħaddim ta' dgħajjes involuti fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.

Id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn kif imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu attribwiti lil dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni u jkunu soġġetti għal aġġustamenti għall-prezzar f'konformità mal-prinċipju tad-distakkament.

2. Kwalunkwe parteċipazzjoni fil-membru tal-grupp tal-BEFIT u mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet tal-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 376
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 47	***imħassar***
Eċċezzjoni għat-trasport marittimu mhux kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ, għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u għat-trasport bl-ajru	

1.

B'deroga mill-Artikoli 42 sa 45 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn li jirriżultaw mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-bażi għat-taxxa tal-BEFIT fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-operat ta' bastimenti fit-traffiku internazzjonali meta r-riżultat taxxabbli ma jkunx kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ;

(b) it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru fit-traffiku internazzjonali;

(c) it-tħaddim ta' dgħajjes involuti fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.

Id-dħul, l-ispejjeż u entrati deduċibbli oħrajn kif imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu attribwiti lil dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni u jkunu soġġetti għal aġġustamenti għall-prezzar f'konformità mal-prinċipju tad-distakkament.

2. Kwalunkwe parteċipazzjoni fil-membru tal-grupp tal-BEFIT u mill-membru tal-grupp tal-BEFIT kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet tal-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 377
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 47 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eċċezzjoni għat-trasport marittimu mhux kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ, għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni ***u*** għat-trasport bl-ajru	Eċċezzjoni għat-trasport marittimu mhux kopert minn taxxa fuq it-tunnellaġġ, għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni**,** għat-trasport bl-ajru ***u għas-servizzi finanzjarji***

Or. en

Emenda 378
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 47 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) is-servizzi finanzjarji.

Or. en

Emenda 379
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 380
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.	2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru. ***Tali entrati addizzjonali jistgħu jinkludu tnaqqis, allowances, krediti tat-taxxa jew miżuri nazzjonali***

oħra tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, inklużi dawk li jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp jew objettivi ta' politika oħra, dment li tali miżuri japplikaw biss għas-sehem allokat tal-bażi għat-taxxa u ma jaffettwawx il-bażi għat-taxxa konsolidata jew il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 381
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.	2. Minbarra l-aġġustamenti elenkati fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' jippermetti ż-żieda jew it-tnaqqis, permezz ta' entrati addizzjonali***, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2022/2523***, tal-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru. ***L-aġġustamenti li effettivament jirriżultaw f'telf ta' dħul iridu jsiru disponibbli għall-pubbliku kull sena kif stabbilit fid-Direttiva 2011/85/UE fil-forma ta' rapport tan-nefqa fuq it-taxxa.***

Or. en

Emenda 382
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja li tirriżulta mill-interazzjoni bejn

din id-Direttiva u t-trattati bilaterali dwar it-taxxa ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jipprovdu aġġustamenti korrispondenti f'konformità mal-obbligi tagħhom tat-trattat. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni u, fejn xieraq, toħroġ linji gwida biex tippromwovi applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 383
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali dettaljat dwar l-aġġustamenti, kif imsemmi fil-paragrafu 2, applikati fl-Istati Membri. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Or. en

Emenda 384
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 48 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar il-pubblikazzjoni annwali tad-dħul mitluf skont id-Direttiva 2011/85/UE, kif stipulat fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 385
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 48a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 48a
	Inċentivi bbażati fuq l-output
	Stat Membru li jipprovdi inċentivi għar-riċerka u l-iżvilupp m'għandux joffri inċentivi bbażati fuq l-output, bħal sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi, li jnaqqsu l-parti allokata tal-membri tal-grupp tal-BEFIT li huma residenti għal finijiet ta' taxxa jew li jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 386
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 49a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 49a
	Miżuri Nazzjonali Temporanji fin-Nuqqas tal-BEFIT jew tal-Implimentazzjoni tal-Ewwel Pilastru
	1. Fil-każ li din id-Direttiva ma tkunx ġiet adottata jew ma tkunx fis-seħħ, u sakemm jiġi adottat qafas globali bħall-Ewwel Pilastru tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 jew jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti fil-livell tal-UE għall-allokazzjoni tal-profitt, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri nazzjonali temporanji biex jiżguraw it-tassazzjoni ġusta tal-intrapriżi multinazzjonali li

	joperaw fit-territorji tagħhom.
	2. Tali miżuri temporanji għandhom jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, inkluż is-suq intern u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri jew l-operaturi ekonomiċi.
	3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura bħal din adottata skont dan l-Artikolu fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tagħha.

Or. en

Emenda 387
Guillaume Peltier
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Kapitolu IV

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approċċ Simplifikat għall-Konformità tal-Prezzar ta' Trasferiment	***imħassar***

Or. en

Emenda 388
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 389
Manon Aubry

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 51	***imħassar***
Qafas ta' konformità	
1. L-Istati Membri għandhom jistrutturaw il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 b'tali mod li jikkonsisti fi tliet żoni ta' riskju tal-prezzar ta' trasferiment.	
2. Iż-żoni ta' riskju għandhom jiġu ddeterminati bl-użu tal-firxa interkwartili tal-prestazzjoni tal-profitt li tirriżulta mill-parametri referenzjarji pubbliċi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 53.	
3. L-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 għandhom jiġu vvalutati bħala ta' riskju baxx, medju jew għoli, skont kif il-prestazzjoni tal-profitt tagħhom f'sena partikolari, iddeterminata skont l-Artikolu 52, tqabbel mal-firxa interkwartili tas-sett l-aktar reċenti ta' parametri referenzjarji pubbliċi mħejjin qabel tmiem dik is-sena.	
4. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-qafas ta' riskju li ġej:	
Żona ta' riskju	
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jistrutturaw l-approċċ tagħhom għall-konformità mar-riskju f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:	
(a) Żona b'riskju baxx: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jistgħux jiddedikaw riżorsi addizzjonali ta' konformità sabiex jirrieżaminaw ulterjorment ir-riżultati tal-prezzar ta' trasferiment. Minkejja dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jwettqu aġġustamenti tal-prezzar ta' trasferiment tal-marġini ta' profitt tal-kontribwent li jaqa' fiż-żona b'riskju baxx.	
(b) Żona ta' riskju medju: l-awtoritajiet	

kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw ir-riżultati, billi jużaw id-data disponibbli, u jikkuntattjaw lill-kontribwent, sabiex ifittxu li jifhmu aħjar iċ-ċirkostanzi tiegħu qabel ma jiddeċiedu jekk jallokawx riżorsi ta' konformità sabiex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u awditi.

(c) Żona ta' riskju għoli: l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jirrakkomandaw li l-kontribwent jirrieżamina l-politiki tiegħu dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u jistgħu jiddeċiedu li jibdew rieżami jew awditu.

Or. en

Emenda 390
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Kejl tal-prestazzjoni	
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikejlu l-profittabilità tal-attività ta' distribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 50(2) billi jużaw il-Qligħ Qabel l-Imgħax u t-Taxxa meta mqabbel mal-bejgħ bħala indikatur tal-livell ta' profitt.	
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikejlu l-profittabilità tal-attività ta' manifattura msemmija fl-Artikolu 50(3) billi jużaw il-Qligħ qabel l-Imgħax u t-Taxxa meta mqabbel mal-kostijiet totali bħala indikatur tal-livell ta' profitt.	

Or. en

Emenda 391
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 53	***imħassar***
Parametri Referenzjarji Pubbliċi	
1. Iż-żona ta' riskju għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 50 għandha tiġi ddeterminata rispettivament permezz ta' parametri referenzjarji pubbliċi għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni u ta' manifattura.	
2. Il-parametri referenzjarji pubbliċi għall-attività ta' distribuzzjoni għandhom ikunu rappreżentattivi tal-prestazzjoni tal-profitt ta' entitajiet indipendenti li joperaw fis-suq intern u li jwettqu b'mod predominanti attività ta' distribuzzjoni b'karatteristiċi simili għall-attività deskritta fl-Artikolu 50(2).	
3. Il-parametru referenzjarju pubbliku għall-attività ta' manifattura għandu jkun rappreżentattiv tal-prestazzjoni tal-profitt ta' entitajiet indipendenti li joperaw fis-suq intern u li jwettqu b'mod predominanti attività ta' manifattura b'karatteristiċi simili għall-attività deskritta fl-Artikolu 50(3).	
4. Iż-żona ta' riskju għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-firxa interkwartili tal-prestazzjoni medja tal-profitt fuq 5 snin ta' entitajiet indipendenti li jirriżultaw mill-parametri referenzjarji pubbliċi.	
5. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi neċessarji, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kriterji tat-tiftix sabiex jiġu identifikati l-prodotti simili sabiex jiġu stabbiliti l-parametri referenzjarji xierqa	

għal attivitajiet ta' distribuzzjoni b'riskju baxx u ta' manifattura tal-kuntratti. Ir-riżultati tal-parametri referenzjarji għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, bl-għan li l-kontribwenti jkunu jistgħu jiddeterminaw iż-żona ta' riskju tal-attivitajiet tagħhom. Il-parametri referenzjarji għandhom jiġu aġġornati kull 3 snin. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73.

Or. en

Emenda 392
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-entità dikjaranti ***ma tistax*** tinbidel***, ħlief f'każ li ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet kif imsemmijin fl-Artikolu 3(10)***. Imbagħad, għandha tiġi nnominata entità dikjaranti ġdida mill-grupp f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(10). Jekk il-grupp jonqos milli jinnomina entità dikjaranti fi żmien xahrejn wara li l-entità dikjaranti preċedenti tkun waqfet tissodisfa l-kundizzjonijiet, imbagħad, it-tim tal-BEFIT kif imsemmi fl-Artikolu 60 għandu jinnomina entità dikjaranti għall-grupp tal-BEFIT.	L-entità dikjaranti ***tista'*** tinbidel ***meta l-grupp iqis li dan ikun xieraq, billi javża xahrejn minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti, u għal raġunijiet issostanzjati***. Imbagħad, għandha tiġi nnominata entità dikjaranti ġdida mill-grupp f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(10). Jekk il-grupp jonqos milli jinnomina entità dikjaranti fi żmien xahrejn wara li l-entità dikjaranti preċedenti tkun waqfet tissodisfa l-kundizzjonijiet ***jew b'deċiżjoni tiegħu stess***, imbagħad, it-tim tal-BEFIT kif imsemmi fl-Artikolu 60 għandu jinnomina entità dikjaranti għall-grupp tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 393
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***4*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.	2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***għaxar*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.

Or. en

Emenda 394
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***4*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.	2. Id-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tad-dikjarazzjoni mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur wara t-tmiem tas-sena fiskali.

Or. en

Emenda 395
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 3 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT;	(ii) il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT ***tal-UE u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT globali***;

Or. en

Emenda 396
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li ntużat biex tinbena l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (d)(ii) għandha tinżamm għal mill-anqas għaxar snin biex titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-membri tal-grupp tal-BEFIT jkunu residenti għall-finijiet ta' taxxa jew jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Or. en

Emenda 397
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 57 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-timijiet tal-BEFIT għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-proċeduri u mill-arranġamenti amministrattivi eżistenti stabbiliti skont id-Direttiva 2011/16/UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (DAC) biex jiżguraw skambju effettiv ta' informazzjoni u implimentazzjoni koordinata.

Or. en

Emenda 398
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***tliet xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 399
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. L-entità dikjaranti għandha tinnotifika lill-awtorità tad-dikjarazzjoni bl-iżbalji fid-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fi żmien ***tliet xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 400
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tim tal-BEFIT għandu jitlaqqa' fi żmien ***xahar*** wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, kif imsemmi fl-Artikolu 57, sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 61. Barra minn hekk, it-tim tal-BEFIT għandu jipprovdi qafas għall-komunikazzjoni u għall-konsultazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu	1. Tim tal-BEFIT għandu jitlaqqa' fi żmien ***tliet xhur*** wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, kif imsemmi fl-Artikolu 57, sabiex iwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 61. Barra minn hekk, it-tim tal-BEFIT għandu jipprovdi qafas għall-komunikazzjoni u għall-konsultazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn il-membri tal-istess grupp tal-BEFIT ikunu

residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikunu jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta membru tat-tim tal-BEFIT jikkonsulta membri oħrajn, huwa għandu jirċievi tweġiba fi żmien raġonevoli.	residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikunu jinsabu fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta membru tat-tim tal-BEFIT jikkonsulta membri oħrajn, huwa għandu jirċievi tweġiba fi żmien raġonevoli.

Or. en

Emenda 401
Jaroslava Pokorná Jermanová, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Tomáš Kubín, Jana Nagyová, Enikő Győri, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 60 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. It-timijiet tal-BEFIT għandhom joperaw biss bħala fora mhux vinkolanti għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-koordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri. Ma għandu jkollhom l-ebda setgħa li jadottaw deċiżjonijiet vinkolanti dwar l-allokazzjoni tal-bażi għat-taxxa, il-valutazzjonijiet tat-taxxa, l-awditi tat-taxxa, l-azzjonijiet ta' infurzar jew kwalunkwe att ieħor b'effetti legali fuq il-kontribwenti. Id-deċiżjonijiet kollha bħal dawn għandhom jibqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

Or. en

Emenda 402
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 61 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk it-tim tal-BEFIT ma jkunx jista' jikseb kunsens skont il-paragrafu 2 fi	4. Jekk it-tim tal-BEFIT ma jkunx jista' jikseb kunsens skont il-paragrafu 2 fi

żmien ***4*** xhur mid-data meta tkun ġiet irrapportata l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 57, tali kunsens għandu jitqies li jkun intlaħaq jekk il-membri tat-tim tal-BEFIT jagħtu l-kunsens tagħhom, bil-maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti f'konformità mal-paragrafu 5, għad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fl-aħħar tal-ħames xahar mid-data meta ġiet irrapportata l-informazzjoni. L-awtorità tad-dikjarazzjoni li lilha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinnotifika d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT lill-entità dikjaranti.

żmien ***sitt*** xhur mid-data meta tkun ġiet irrapportata l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 57, tali kunsens għandu jitqies li jkun intlaħaq jekk il-membri tat-tim tal-BEFIT jagħtu l-kunsens tagħhom, bil-maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti f'konformità mal-paragrafu 5, għad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT fl-aħħar tal-ħames xahar mid-data meta ġiet irrapportata l-informazzjoni. L-awtorità tad-dikjarazzjoni li lilha tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT għandha tinnotifika d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT lill-entità dikjaranti.

Or. en

Emenda 403
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Kapitolu V – Taqsima 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 404
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kull membru tal-grupp BEFIT*** għandu jippreżenta d-dikjarazzjoni ***tat-taxxa individwali tiegħu mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih dak il-membru tal-grupp BEFIT ikun residenti***	1. ***Il-grupp*** għandu ***jiddeċiedi f'liema Stat se*** jippreżenta d-dikjarazzjoni ***konsolidata*** mhux aktar tard minn ***ħames*** xhur wara r-riċevuta mingħand l-awtorità tad-dikjarazzjoni skont l-Artikolu

għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti mhux aktar tard minn ***3*** xhur wara r-riċevuta ***tal-avviż*** mingħand l-awtorità tad-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 61(3), (4) jew (5), jew fil-każ ta' grupp domestiku, mhux aktar tard minn ***8 xhur minn tmiem is-sena*** fiskali.

61(3), (4) jew (5), jew fil-każ ta' grupp domestiku, mhux aktar tard minn ***għaxar xhur wara s-sena*** fiskali.

Or. en

Emenda 405
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Biex jiġi evitat piż burokratiku akbar, il-gruppi għandhom ikunu eskluži milli jippreżentaw dikjarazzjoni f'kull pajjiż, u minflok jippreżentaw waħda kkonsolidata. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fil-punt uniku ta' servizz, biex b'hekk jiġu kkonsolidati f'dikjarazzjoni unika tat-taxxa t-taxxi korporattivi kollha tal-grupp.

Or. en

Emenda 406
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***erba' xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 407
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***erba' xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 408
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***xahrejn*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew ikun jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti dwar żbalji fid-dikjarazzjoni tat-taxxa individwali fi żmien ***erba' xhur*** mis-sottomissjoni f'waqtha ta' tali dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 409
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 65 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 5, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR ***10 000 jew 1*** % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.	6. Minkejja l-paragrafu 5, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR ***2 000 jew 0,5*** % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 410
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-entità dikjaranti tista' tappella kontra l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, f'konformità mal-Artikolu 59, fi żmien ***xahrejn*** wara li tkun inħarġet jew ġiet innotifikata d-dikjarazzjoni. L-appell għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.	1. L-entità dikjaranti tista' tappella kontra l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT, f'konformità mal-Artikolu 59, fi żmien ***erba' xhur*** wara li tkun inħarġet jew ġiet innotifikata d-dikjarazzjoni. L-appell għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru tal-awtorità tad-dikjarazzjoni, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

Or. en

Emenda 411

Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 67 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut tal-assi tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** wara li l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut tal-assi tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***erba' xhur*** wara li l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

Or. en

Emenda 412
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 67 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut tal-assi tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat	1. Membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jappella kontra l-kontenut tal-assi tat-taxxa individwali magħmula skont l-Artikolu 64 quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat

Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** wara li l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.	Membru fejn dak il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***erba' xhur*** wara li l-valutazzjoni tiġi nnotifikata lilu. L-appell amministrattiv għandu jinstema' minn korp amministrattiv li, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-membru tal-grupp tal-BEFIT, ikun kompetenti sabiex jisma' appelli fil-prima istanza. L-appell amministrattiv għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti. Meta ma jkun hemm l-ebda korp amministrattiv bħal dan fl-Istat Membru fejn il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti, il-membru tal-grupp tal-BEFIT jista' jippreżenta appell ġudizzjarju direttament.

Or. en

Emenda 413
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 68 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 66 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, l-entità dikjaranti għandu jkollha d-dritt li tappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** mir-riċevuta tad-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi. Appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 66 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, l-entità dikjaranti għandu jkollha d-dritt li tappella direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***erba' xhur*** mir-riċevuta tad-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi. Appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru fejn l-entità dikjaranti tkun residenti għal finijiet tat-taxxa jew tinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Or. en

Emenda 414
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 68 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR ***10,000 jew 1*** % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.	4. Minkejja l-paragrafu 3, ma għandha tinħareġ l-ebda valutazzjoni tat-taxxa emendata sabiex tiġi aġġustata l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT, meta d-differenza bejn il-bażi għat-taxxa tal-BEFIT inizjalment iddikjarata u l-bażi għat-taxxa tal-BEFIT riveduta ma taqbiżx l-inqas minn bejn EUR ***2 000 jew 0,5*** % tal-bażi għat-taxxa tal-BEFIT.

Or. en

Emenda 415
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** wara li tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***erba' xhur*** wara li tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Or. en

Emenda 416
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***xahrejn*** wara li tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.	1. Meta d-deċiżjoni skont l-Artikolu 67 tkun ġiet ikkonfermata jew varjata, membru tal-grupp tal-BEFIT għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti fi żmien ***erba' xhur*** wara li tkun ġiet innotifikata lilu d-deċiżjoni tal-korp tal-appelli amministrattivi msemmi fl-Artikolu 67. L-appell ġudizzjarju għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat Membru li fih il-membru tal-grupp tal-BEFIT ikun residenti għal finijiet tat-taxxa jew jinsab fil-forma ta' stabbiliment permanenti.

Or. en

Emenda 417
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa ***individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp*** tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli***, minkejja kwalunkwe limitu*** ta' żmien ***fil-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri***.	Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa ***tal-grupp*** tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli ***f'perjodu*** ta' żmien ***ta' 10 snin***.

Or. en

Emenda 418
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli, minkejja kwalunkwe limitu ta' żmien fil-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri.	Meta l-eżitu ta' appell amministrattiv jew ġudizzjarju jkun jeħtieġ emendi għall-valutazzjoni tat-taxxa individwali ta' membru wieħed jew aktar ta' grupp tal-BEFIT, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li t-tali emendi jibqgħu possibbli, minkejja kwalunkwe limitu ta' żmien fil-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri***, filwaqt li l-appell amministrattiv jew dak ġudizzjarju jieħu l-preċedenza fuq dawn il-limiti***.

Or. en

Emenda 419
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-penali għandhom jiġu stabbiliti b'rata minima ta' 0.1 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT skont l-Artikolu 59 u f'każ ta' rapportar intenzjonali ħażin***

ikkonfermat meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 420
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati u infurzati. Il-penali u l-miżuri ta' konformità previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. ***Kwalunkwe modifika tal-penali għandha tiġi kkomunikata lid-diversi gruppi li joperaw fl-Istati Membri fil-mument u bil-mod xieraq.***

Or. en

Emenda 421
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 72 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-penali għandhom jiġu stabbiliti b'minimu ta' 0,5 % tal-fatturat tal-grupp tal-BEFIT f'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-informazzjoni tal-BEFIT f'konformità mal-Artikolu 59.

Or. en

Emenda 422
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 74 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu ma għandhomx jintużaw biex jestendu, jirrestrinġu, jew jinterpretaw mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif definit fl-Artikolu 2. Dawn għandhom ikunu limitati għal aġġustamenti strettament tekniċi meħtieġa biex jirriflettu l-bidliet fil-forom tal-kumpaniji u fit-taxxi korporattivi elenkati fl-Annessi I u II.

Or. en

Emenda 423
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 74 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(8) ***u 14(3)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(8)***, 14(3) u 45(2a)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 424
Jaroslava Pokorná Jermanová, Ondřej Knotek, Jaroslav Bžoch, Tomáš Kubín, Jana Nagyová, Enikő Győri, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie, Klara Dostalova

Proposta għal direttiva
Artikolu 74 – paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu ma għandhomx:
	(a) jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva lil hinn mill-kwistjonijiet previsti b'mod espliċitu f'din id-Direttiva;
	(b) ibiddlu l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni;
	(c) jintroduċu jew jiffaċilitaw il-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda tal-Unjoni;
	(d) jaffettwaw is-sovranità fiskali tal-Istati Membri, inkluż fl-oqsma tar-rati tat-taxxa, il-ġbir tat-taxxa, u l-infurzar tat-taxxa."

Or. en

Emenda 425
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Riežami mill-Kummissjoni tal-operat tal-BEFIT	***Ir-rapport tal-Kummissjoni u l-Klawżola Standstill***

Or. en

Emenda 426
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Tliet snin wara li tibda tapplika din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha toħroġ proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva biex tagħmel din is-sistema obbligatorja għal kumpaniji bi

dħul awtorizzat ikkombinat ta' EUR 40 000 000 jew aktar f'mill-anqas tnejn mill-aħħar erba' snin fiskali, f'konformità mad-definizzjoni ta' gruppi kbar fis-sens tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 427
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***5 snin wara li*** din id-Direttiva ***tibda tapplika***, il-Kummissjoni għandha ***teżamina u tevalwa l-funzjonament*** tagħha ***u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva***.	1. ***Fid-dawl tal-inċertezzi attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni internazzjonali tal-Qafas Inklużiv dwar il-Pilastru II tal-OECD/G20, l-applikazzjoni ta'*** din id-Direttiva ***għandha tiġi sospiża. Qabel ma jittieħdu passi ulterjuri***, il-Kummissjoni għandha ***twettaq valutazzjoni komprensiva tal-kompatibbiltà tad-Direttiva mal-istandards globali, tal-impatt*** tagħha ***fuq iċ-ċertezza tat-taxxa u l-kompetittività tan-negozju, u tal-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-kontribwenti***.

Or. en

Emenda 428
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. 5 snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. ***Meta jkun***	1. 5 snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan.

xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 429
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***5*** snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva.	1. ***Erba'*** snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva. ***Sentejn wara li tibda tapplika din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni tal-impatt komprensiva biex tevalwa kif id-Direttiva tilħaq l-objettivi tagħha u tallinja ruħha mal-kuntest tan-negozjati internazzjonali dwar ir-regoli tat-tassazzjoni.***

Or. en

Emenda 430
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. 5 snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn	1. 5 snin wara li din id-Direttiva tibda tapplika, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-funzjonament tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal dak il-għan. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn

proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva.	proposta sabiex tiġi emendata din id-Direttiva. ***Dak ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-allokazzjoni tal-baži għat-taxxa fuq id-dħul tal-Istati Membri, u tal-evoluzzjoni tal-kostijiet ta' konformità għall-kumpaniji koperti mid-Direttiva.***

Or. en

Emenda 431
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Tmien snin wara li tibda tapplika din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt li din is-sistema ssir obbligatorja għall-kumpaniji kollha b'attivitajiet transfruntieri u, jekk ikun xieraq, toħroġ proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva kif xieraq.

Or. en

Emenda 432
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet*** tat-taxxa ***fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat***	2. ***Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dettaljat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027. Dan ir-rapport għandu jivvaluta jekk huwiex xieraq li wieħed jipproċedi bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jew jekk il-proposta għandhiex tiġi rtirata jew riveduta sostanzjalment fid-dawl tal-iżviluppi*** tat-taxxa ***internazzjonali. Sal-***

kif xieraq ***l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021***.

istess data tal-1 ta' Jannar 2027, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq***, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 433
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 ***u tiġi ppreżentata valutazzjoni tal-kostijiet addizzjonali li ġew imġarrba mill-kumpaniji li jaqgħu taħt iż-żewġ Direttivi,*** kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

Or. en

Emenda 434
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt ***tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u*** tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

Or. en

Emenda 435
Rasmus Andresen

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom

u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt ***tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u*** tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

Or. en

Emenda 436
Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tad-Direttiva f'konformità mal-paragrafu 3, inkluża d-data aggregata dwar il-membri tal-grupp tal-BEFIT li jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-istabbilimenti permanenti tagħhom li joperaw fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tar-regola tal-allokazzjoni tat-tranżizzjoni u tad-Direttiva (UE) 2022/2523 kif ukoll sabiex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni rigward l-Ewwel Pilastru tad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-8 ta' Ottubru 2021.

Or. en

Emenda 437
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Permezz ta' atti*** ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta*** mill-Istati Membri ***għall-fini tal-evalwazzjoni tal-funzjonament ta'*** din id-Direttiva***, kif imsemmi fil-paragrafu 2, kif ukoll il-format u l-kundizzjonijiet għall-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni***.	3. ***Sakemm jitlesta r-rieżami msemmi fil-paragrafu 2 u tittieħed deċiżjoni formali mill-Kunsill f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew dwar jekk għandux jipproċedi, ma għandu jittieħed l-ebda pass leġiżlattiv, amministrattiv jew*** ta' implimentazzjoni ***ulterjuri*** mill-Istati Membri ***skont*** din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 438
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 għandha tinżamm kunfidenzjali mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mal-Artikolu 76 ta' din id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 439
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 77 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 2, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodott mill-Kummissjoni li juża tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħrajn. L-informazzjoni trażmessa għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali, kif stabbilit rigward informazzjoni simili fid-dritt nazzjonali tal-Istat(i) Membru/i li rċevieha/rċevewha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 440
Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 77a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 77a
	Kontribuzzjoni tal-BEFIT għad-Dħul
	F'konformità mal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti dwar riżorsi proprji ġodda stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[1a] u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 "Pakkett aġġustat għall-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji", parti mid-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tiġi allokata għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, f'konformità mal-proċeduri applikabbli skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.
	[1a] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni

finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28-46).

Or. en

Emenda 441
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Traspożizzjoni	***Sospensjoni tat-Traspożizzjoni***

Or. en

Emenda 442
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma'*** din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2028. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni***.	1. ***B'deroga mill-iskeda ta' żmien oriġinali,*** l-Istati Membri ***ma għandhomx jittrasponu*** din id-Direttiva ***sakemm is-sospensjoni skont l-Artikolu 77(1) titneħħa b'att leġiżlattiv formali tal-Kunsill f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rilevanza u l-fattibbiltà tad-Direttiva***.

Or. en

Emenda 443
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar ***2028***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar ***2030***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 444
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar ***2028***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar ***2027***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 445
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill***-1 ta' Lulju 2028.	2. ***Id-dati oriġinali tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni tal-1 ta' Jannar 2028 u tal***-1 ta' Lulju 2028***, rispettivament, huma b'dan sospiżi***. ***Dati ġodda, jekk ikun***

hemm, għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-eżitu tar-rapport ta' rivalutazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 77(2).

Or. en

Emenda 446
Michalis Hadjipantela, Danuše Nerudová

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju ***2028***.	2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju ***2030***.

Or. en

Emenda 447
Manon Aubry
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju ***2028***.	2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju ***2027***.

Or. en

Emenda 448
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma	***imħassar***

għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jakkumpanjawhom b'referenza bħal din meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.	

Or. en

Emenda 449
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 78 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Malli din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tkun mgħarrfa, fi żmien suffiċjenti sabiex din tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha dwar kwalunkwe abbozz ta' liġijiet, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva li jkollhom l-intenzjoni li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en